# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 388/2023FDP**

Fl-ismijiet

**George Fenech (K.I: 203183M)**

**Vs**

**Avukat tal-Istat**
**U**
**Sylvana Tanti (K.I: 366871M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 26 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

   1. *Illi fil-21 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti George Fenech ġie notifikat b'avviż maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikolu 384 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'ordni sabiex fi żmien tmint (8) ijiem min-notifika ta l-istess avviż jiżgombra mill-fond bl-indirizz "The Champs Pastizzeria", 65, St. George's Road, San Ġiljan;*

   2. *Illi r-rikorrenti ġie notifikat ukoll b'kopja tad-digriet maħruġ mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiż fis-26 ta' Jannar 2023; Dokument GF2;*

   3. *Illi dan id-digriet ingħata mill-Prim Awla meta dik il-Qorti ma kinitx il-Qorti li kellha l-Mandat quddiemha u dana tenut kont li l-Mandat in proċintu ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Familja; kopja tal-mandat annessa Dok GF3;*

4. *Illi dan il-mandat in proċintu inħareġ wara sentenza ta' separazzjoni bejn konjuġi li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illi din is-sentenza ta' separazzjoni ddeċidiet hekk:*

   *"L-attriċi tiġi assenjata l-kirja u l-ġestioni tal-ħanut 'The Champ' San Ġiljan flimkien mal-avvjament, permessi, l-armar u makkinarju".*

5. *Illi dik is-sentenza ma qisetx il-fatt illi f'dak iż-żmien li ngħatat:*

   i. *il-kirja li ġiet ordnata tgħaddi għand Sylvana Tanti ma kinitx teżisti;*
   ii. *illi s-sid li kien jikri lir-rikorrenti saħansitra biegħet lill-ħaddieħor u ċioe' lil Gusvend Services Limited;*
   iii. *illi Gusvend Services Limited kriet lil George Fenech;*
   iv. *illi hemm kirjiet ġodda in vigore li qatt ma ġew attakati;*

6. *Illi l-esponenti dejjem ikkontenda illi l-eżekuzzjoni ta' din l-ordni ma setgħetx isseħħ għax is-sentenza torbot lill-partijiet inter partes u ma jista' qatt ikollha effett ergo omnes; Dan huwa prinċipju ġenerali ta' dritt;*

7. *Illi wisq inqas ma jista' qatt jintuża l-mandat in proċintu biex joħloq preċedent bħal dan; preċedent perikoluż li joħloq instabbilta fis-sistema legali kollha tagħna; fejn terzi li kontra tagħhom m'hemmx res judicata jsibu ruħhom bħala debituri jew kkudannati b'talbiet li ntlaqgħu fil-konfront ta' ħaddieħor;*

8. *Illi minkejja l-fatt li r-rikorrenti qatt ma kien parti mill-proċeduri legali li kien hemm bejn l-intimata Sylvana Tanti u d-defunt żewġha u/jew il-kuraturi maħtura floku, hija qatt ma pproċediet kontra r-rikorrenti għall-iżgumbrament mill-imsemmi fond għajr mandat ta' żgumbrament li ġie deċiż favur ir-rikorrenti, tenut kont li ma kienx hemm titolu eżekuttiv li setgħa jwassal għall-iżgumbrament tal-esponenti; annessa kopja tal-Mandat ta' żgumbrament u d-digriet Dok GF4;*

9. *Illi l-Qorti tal-Familja kienet b'digriet tal-14 ta' Lulju 2022 kjamat lir-rikorrenti u terzi oħrajn fi-Mandat; digriet li Qatt ma setgħa jingħata u dana peress illi l-Qorti tal-Familja ma għandhiex kompetenza illi tagħti ġudikat fil-konfront ta' terzi;*

10. *Illi kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet "M. Libreri - vs - H. Staines noe" (Prim' Awla, 29 ta' Ottubru 1935 (Kol Vol XXIX-11-706) ,) "il-kjamata-in-kawża hija kostitwita mill-interess tal-persuna li għandha d-dover li tordnaha. L-interess hu dak stess rikjest biex tiġi proposta azzjoni jew biex tista' tiġi opposta kontestazzjoni" u fl-ebda ħin ma jista' jintuża sabiex res judicata fil-konfront ta' terzi estranei tiġi estiża biex teffetwa lir-rikorrenti;*

11. *Illi għalhekk dan il-mandat in proċintu ħareġ illegalment; u ħoloq preċedent perikoluż fil-konfront ta' kull terz għal sentenza ta' separazzjoni;*

12. *Illi huwa veru illi l-leġislatur ma llimitax it-tip jew in-natura ta' l-ordnijiet li l-Qorti tista' talvolta tagħti lir-reġistratur. Sakemm l-ordni:*

    a. *jkun legali skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt;*
    b. *il-Qorti ma tistax tipproċedi ex officio iżda biss fuq talba tal-kreditur tal-obbligazzjoni;*

    *(ara Appel Ċivili Numru. 372/2009/1 f1-Atti tal-Mandat in proċintu nru. 284/2009 fl-ismijiet: John Patrick Flayman u Mary Carmen miżżewġin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu proprju u bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Elaine. Edmond Espedito Mugliett u martu Maria Teresa għal kull interess li jista' jkollha);*

13. *Illi l-intimata eżekutanti xorta waħda ħasset li kellha d-dritt tipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu in kwistjoni kontra r-rikorrenti fir-rigward tal-imsemmi fond, li huwa jiddetjeni b'titolu ta' kera;*

14. *Illi r-rikorrenti ottjena t-titolu ta' kera tal-imsemmi fond mingħand l-eżekutata Gusvend Services Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 43888 u dan kif jidher mill-iskrittura privata datata ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) eżebita fil-mandat in proċintu u hawn anness Dok GF 5;*

15. *Illi in vista tal-fatt li l-intimati eżekutanti qatt ma ntavolaw proċeduri fil-Qorti fil-konfront tar-rikorrenti għall-iżgumbrament mill-imsemmi fond ma teżisti ebda sentenza jew deċiżjoni tal-Qorti li tordna lir-rikorrenti jiżgombra mill-imsemmi fond;*

16. *Għalhekk ir-rikorrenti jqis li l-mandat ta' proċintu bin-numru 78/2022/2 JVC ma jistax jiġi eżegwit fil-konfront tiegħu fir-rigward tal-fond minnu ġestit u li l-eżekuzzjoni tiegħu qiegħda lilu tilledieh mid-drittijiet tiegħu skont il-liġi;*

17. *Illi oltre hekk id-digriet fl-atti tal-Mandat in proċintu ingħata mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, meta l-mandat ġie intavolat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja);*

18. *Illi fid-digriet mogħti mill-Prim' Awla ġie ordnat l-iżgumbrament tal-esponenti meta qatt ma kien hemm titolu eżekuttiv li b'xi mod setgħa jiġi infurzat kontra l-esponenti u għalhekk ma jistgħu qatt jeżegwixxu mandati eżekuttivi kontra r-rikorrenti msejsa fuq titolu eżekuttiv ottjenut biss fil-konfront tad-defunt żewġ l-intimata tant hu hekk li s-sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Familja;*

19. *Illi jidher biċ-ċar li l-intimati ppretendew li setgħu jissorvolaw in-nuqqas ta' titolu eżekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti, u jgħaddu mingħajr il-ħtieġa ta' kawża kontrih, billi fl-atti tal-mandat ta' proċintu bin-numru 78/2022/2 JVC ġie kjamat fil-mandat ir-rikorrenti u terzi oħrajn b'dana li tali mandat kellu jiġi eżegwit ukoll fil-konfront tar-rikorrenti u terzi oħrajn li ma kienu qatt parti mis-sentenza;*

20. *Illi sussegwentement r-rikorrenti intavola rikors b'talba għal revoka taħt l-artikolu 218 u dan ġie miċħud (ara Dokument GF6);*

21. *Illi ntavola wkoll Mandat ta' Inibizzjoni li nstemgħa quddiem l-Imħallef Francesco Depasquale, u ppreżenta kawża kontestwalment, u dan ġie milqugħ provviżjorjament; anness Dokument GEZ: il-kawża ġiet assenjata lill-Onorevoli Imħallef Anna Felice;*

22. *Illi sussegwentement sar rikors għal revoka ta' dan il-mandat kawtelatorju; u 1-Prim' Awla kif presjeduta mil-Imħallef Anna Felice rrevokat il-mandat kawtelatorju fil-1 ta' Lulju 2023, anness digriet Dokument. GF8;*

23. *Illi b'konsegwenza ta' dan id-digriet għall-revoka tal-mandat kawtelatorju, l-(sic)*

24. *Illi daħal ukoll rikors għal rikuża tal-istess Imħallef u dana tenut kont li fid-digriet tar-revoka, pronunzjat ruħha fuq il-mertu tal-kawża li qiegħda tinstema' quddiemha mingħajr ma ndirizzat il-leżjoniet ta' dritt li qiegħed jattakka r-rikorrenti u mingħajr ma għarrfet in-nuqqasijiet legali li ġab miegħu dan il-mandat in proċintu; anness Dokument GF9;*

25. *Illi appell minn dan id-digriet tal-11 ta' Lulju 2023 ma hemmx u dana peress li l-Liġi tipprovdi divjet minn appell f'dan iċ-ċirkostanzi QORTI TA' L-APPELL Seduta tal-15 ta' Frar, 2005 Appell Ċivili Numru. 657/2004/1 fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1554/04 fl-ismijiet:[recte: Alexander u Josephine konjuġi Grech, A & A Properties Limited, u Vincenza konjuġi Grech, Ocean Way Co. Ltd., George u Lydia konjuġi Zammit, Alfred u Rosanne konjuġi Fenech, Alfred u Rosette konjuġi Debattista, Claire Grech, Ludwig I.td.v. Mamma Mia Company Limited, Stephen Bonavia, Angelo Pullicino, Sunbirds Company Limited u Noel Agius] Kif din il-Qorti (diversament komposta) kellha l-okkażjoni li tispjega fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru, 2001, fl-ismijiet Paul Tanti pro et noe et v Sammy u Joseph aħwa Mifsud pro et noe, "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jiċħad rikors għar-revoka ta' mandat kawtelatorju jistgħu jsiru - is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 jagħmel divjet ta' "appell u kontestazzjoni" biss fil-konfront ta' digriet li jilqa' talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju - iżda tali "appell u kontestazzjoni" ma jsirux permess ta' rikors ta' appell direttament lil din il-Qorti, bħalma sar fil-każ odjern, iżda permezz ta' att ta' ċitazzioni quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet bi dritt ta' appell lil din il-Qorti una volta li ngħatat is-sentenza in Prim' Istanza'". Din il-Qorti ma tara ebda raġuni valida għala għandha tiddipartixxi minn dana l-insenjament.*

26. *Illi din il-manuvra hija illegali u manifest ta' attentat ta' żgumbrament arbitrarju tar-rikorrenti li sab il-konfort tiegħu f'dan il-mandat in proċintu, liema żgumbrament qiegħed jiġi ordnat mill-fond ġestit minn George Fenech b'titolu ġust u leġitimu ta' kirja, b'titolu li ħadd qatt ma kkonfrontah jew attakkah u jekk dan il-mandat jiġi eżegwit ikunu qegħdin effettivament jeqirdu darba għal dejjem in-negozju tar-rikorrenti u dan bla ma jingħata ebda opportunita' illi jiddefendi u jħares id-drittijiet tiegħu skond il-liġi;*

27. *Illi l-prinċipju tal-kjamat in kawża jeżisti biex wieħed ikun jista' jiddefendi ruħu u mhux biex wieħed jiddaħħal fl-istadju tal-eżekuzzjoni mingħajr ebda jedd illi jressaq difiża u/jew jiġġieled għal jeddijiet tiegħu;*

28. *Il-fatt illi George Fenech u t-terzi l-oħrajn iddaħħlu ġol-mandat in proċintu kien biss mossa cobra li għamlet il-Qorti min jhedda ex officio, u dana bit-tir il hi riedet trendi dik is-sentenza tagħha eżegwibbli fil-konfront tagħhom, meta dan ma huwiex legalment korrett;*

29. *Illi r-rikorrenti jikkunsidra l-aġir ta' l-intimati fil-konfront tiegħu bħala wieħed arbitrarju, illegali u abbużiv, u fil-każ li tali aġir ma jkunx imwaqqaf minn din l-Onorabbli Qorti, jista' possibilment iwassal ukoll għal ksur tad-dritijiet fundamentali tiegħu hekk kif sanċiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Skeda tal-istess Konvenzjoni;*

30. *Illi jsegwi għalhekk li l-intimata Sylvana Tanti ma' tista' qatt teżegwixxi mandati eżekuttivi kontra r-rikorrenti msejjes fuq titolu eżekuttiv ottjenut fil-Qorti tal-Familja, u dana għas-segwenti raġunijiet;*

    1. *L-ebda att ġudizzjarju ma jista' jkollu effikaċja jew jiġi mibgħut u jolqot xi ħadd li mhuwiex nominat;*
    2. *L-ebda mandat ma jista' qatt jkun ta' ħsara għal min ma kienx parti fil-kawża - kif effettivament l-esponenti ma kienx parti fil-kawża u għalhekk il-mandat ta' proċintu mhux eżegwibbli fil-konfront tiegħu.*
    3. *Illi mingħajr preġudizziu għas-suespost, is-sentenza li qiegħda tipprova teżegwixxi l-intimata lanqas biss hi sentenza ta' żgumbrament, hija s-separazzjoni ta' mad-defunt żewġha; u għal grazzja tal-argument lanqas biss fiha ordni għal żgumbrament o meno;*
    4. *Li huwa stat ta' fatt prinċipju bażiku legali li sentenza torbot biss lill-partijiet;*
    5. *Illi l-effetti ta' sentenza għalhekk huwa interpartes u ma japplikaw qatt ergo omnes;*
    6. *Illi hemm kirja viġenti li għaliha l-intimata hija estranea għax la tgawdi titolu ta' kera u wisq inqas ma hi s-sid;*

31. *Ili r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti kollha personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża ;*

*Għaldaqstant l-esponent, filwaqt li jitlob umilment il-ħruġ immedjat ta' miżura provviżorja sabiex ma jiġix eżegwit il-mandat ta' żgumbrament 78/22 wara l-mandat in proċintu 78/2022/2 JVC fl-ismijiet Sylvana Tanti vs Dr Daniel Attard et li bih qiegħed jiġi żgumbrat ir-rikorrenti minn ġol-ħanut li hu jagħmel l-għejxien tiegħu minnu, jew almenu sakemm jinstemgħu u jiġu deċiżi l-proċeduri li hu għamel quddiem din l-Onorabbli Qorti u Qrati oħrajn, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara illi huwa sofra diversi vjolazzionijiet fil-proċeduri ġudizzjarji msemmija kif ukoll b'riżultat tal-intimata jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi tgħid l-intimata għaliex m' għandhiex:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjonijiet ta' l-Artikolu 12 partikolarment is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 li jagħmel divjet ta' "appell u kontestazzjoni" biss fil-konfront ta' digriet li jilqa' talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju qiegħed jivvjola d-dritt tar-rikorrenti għall-smiegħ xieraq;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kjamat in kawża f'mandat eżekuttiv fin-nuqqas ta` sentenza tal-Qorti, li tkun tikkostitwixxi 'res judicata' bejn il-partijiet, senjatament fil-mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2JVC jew kwalsiasi mandat ieħor, hija kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt u tivvjola d-dritt tar-rikorrenti għall-smiegħ xieraq;*

3. *Tiddikjara illi l-artikolu 276 tal-Kap 12 li jipprovdi illi: Ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni; li qiegħed iwassal lir-rikorrenti li jiġi żgumbrat minn ġewwa ħwejġu li hu jgawdi b'titolu leġittimu ta' kera, huwa kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt u jilledi d-dritt tiegħu għall-smiegħ xieraq u tgawdija paċifika tal-possedimenti;*

4. *Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeċiedi illi:*

   (I) *qed jigu vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' li hu jgawdi b'titolu ta' kera skont il-liġi, tal-fond The Champs, 65 , St. George's Road, San Ġiljan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u b'hekk tagħtih ir-rimedji li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni.*

   (II) *Tiddikjara illi sofra diversi vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319) li jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti, liema dritt huwa wkoll garantit taħt it-Titolu 6 (Artikolu 47) taċ-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni*

*Ewropeja, u dan kemm fil-kawża ċivili kif ukoll fil-proċeduri tal-mandat ta' żgumbrament;*

(III) *Tiddikjara illi sofra diversi vjolazzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jiggarantixxi d-dritt għal ħajja privata u għal ħajja tal-familja u tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

(IV) *Tiddikjara illi sofra vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 dwar id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti;*

5. *Konsegwentement għal tali dikjarazzjoni, tordna t-tħassir, l-annullament u r-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2 JVC fl-intier fil-konfront ta' George Fenech et;*

6. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat Avukat Ġenerali huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti;*

7. *Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti skond il-liġi u ai termini tal-Aritkolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

8. *Tikkundanna lill-intimat Avukat Ġenerali jħallas l-istess kumpens u danni likwidati skond il-liġi u ai termini tal-Artikolu 41 tal- Konvenzjoni Ewropea.*

2. Rat illi fil-15 ta' Settembru 2023, l-intimata **Sylvana Zammit ġja Tanti** laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti m'għandhiex tkun ikkundannata bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, in vista tal-fatt li ebda ċittadin privat ma jista' jkun misjub ħati li kiser id-drittijiet ta' terzi. In segwitu għal dak eċċepit, l-esponenti m' hijiex il-leġittima kontradittur u għaldaqstant għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju u preliminarjament ukoll, din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ai termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) billi r-rikorrenti naqsu li jeżawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli skond il-liġi.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju u in linea preliminari l-azzjoni tar-rikorrent hija intempestiva għaliex pendenti quddiem il-Qrati diversament preseduti hemm numru ta' kawżi kollha intiżi sabiex jiġi revokat il-mandat in proċintu u/jew iwaqqfu l-eżekuzzjoni tal-istess mandat skont il-liġi. Il-kawżi li ġiet notifikata bihom l-esponenti u li huma pendenti huma (i) George Fenech vs Sylvana Tanti Rik. Ġur. Nru. 175/2023 AGV), Qorti tal-*

*Familja* ***(Dokument A****); (ii) kawża fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet George Fenech vs Sylvana Tanti [196/23 AF]* ***(Dokument B****); rikors għar-revoka ieħor għal mandat in procinto fl-ismijiet George Fenech vs Sylvana Tanti et [78/2022/2 MCH] fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja****) (Dokument C);***

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari r-rikorrent qed jabbuża mill-proċeduri u dan billi huwa l-istess rikorrent fetaħ diversi proċeduri quddiem qrati diversament preseduti b' talbiet simili. Fl-istess nifs r-rikorrent Fenech ippreżenta rikors għar-revoka ieħor għal mandat in procinto [78/2022/2 MCH], mandat ta' inibizzjoni [115/2023/2 MCH], kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili [ 196/23 AF], kawża fil-Qorti tal-Familja [175/2023 AGV] u rikors kostituzzjonali [338/2023 FDP]. Proċeduri li ma jistgħux joqogħdu flimkien. L-esponenti tissottometti li dan huwa każ klassiku ta' abbuż tal-proċedura u forum shopping.*

5. *Illi fil-mertu Sylvana Zammit ġja Tanti qed titlob li jiġi eżegwit il-mandat in proċintu, li huwa strument ta' eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv u dan sabiex hija teżegwixxi sentenza ta' separazzjoni deċiża.*

6. *Illi wara kawża ta' separazzjoni li damet għaddejja sas-sena 2022 u wara sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Sylvana Tanti vs Noel Tanti et deċiża Rikors Ġuramentat Numru 633/08 JZM) deċiża fit-30 ta' Marzu 2016* ***[Dokument F]*** *u diversi mandati inkluħ mandat ta' inibizzjoni numru Sylvana Tanti (I.D. 366871M) kontra Noel* ***Tanti (I.D. 274667M) et u [Dokument G]*** *<u>fejn l-aħwa Tanti kienu projbiti milli jittrasferixxu n-negozju</u> li kien jappartjeni lil Sylvana Tanti. Kontra l-istess Noel u Antoine Tanti hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija [Spettur Angelo' Gafa] vs Noel Tanti u Antoine Tanti Kumpilazzjoni Numru 569/2007* ***[Dokument H]*** *u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija [Spettur Angelo Gafa'] vs Noel Tanti u Antoine Tanti (Appell Numru 94/2009) deċiża fl-10 ta' Marzu 2010* ***[Dokument I]*** *sentenzi li inċidentalment huma pubbliċi u faċilment aċċessibbli online. Minkejja dan kollu l-esponenti għadha sa llum mhux talli ma ħadet xejn talli qed tiġi rinfaċċjata b' kawżi minn George Fenech li qed jippretendi li għandu xi dritt fuq ħwejjiġha minflok ma jenforza kontra min għamel in-negozju miegħu b'mod illegali u abbużiv b' intent kriminuż. Illi l-esponenti Sylvana Zammit tirriserva li tagħmel hi proċeduri għal ksur tad-drittijiet tagħha wara li minkejja li ħadet il-passi legali a dispożizzjoni <u>tagħha għadha wara għoxrin sena ma ħaditx dak li ħaqqha bil-liġi</u>.*

7. *Illi rriżulta wara li ġew deċiżi l-kawżi li d-defunt żewġha Noel Tanti minkejja li kien kolpit b' diversi mandati u sentenzi kontrih inkluż:*

   a) ***Sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili*** *fl-ismijiet* ***Sylvana Tanti [I.D. 366871(M)] u b`digriet tat-30 ta` Marzu 2016 kunjom l-attriċi nbidel għal "Zammit" kontra Noel Tanti [I.D. 274667(M), Antoine***

***Tanti [I.D. 378571 (M)] u Maria Perrett [I.D. 982549(M)] (Rikors Ġuramentat Numru 633/08 JZM)*** *deċiża fit-30 ta' Marzu 2016 fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet iddeċidiet billi ddikkjarat nulla l-iskrittura privata datata 14 ta` April 2005 bejn il-konvenut Noel Tanti u l-konvenuta Maria Perrett.*

b) ***Mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet Sylvana Tanti (I.D. 366871M) kontra Noel Tanti (I.D. 274667M) u Antoine Tanti (I.D. 378571M) u Maria Perrett (I.D. 982549M) [Mandat Numru 663/2014 JZM]*** *deċiż fis-26 ta' Mejju, 2014. F' din is-sentenza l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili "Tilqa` t-talba tar-rikorrenti limitatament billi tordna l-ħruġ ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimati Noel Tanti u Antoine Tanti sabiex bi kwalsiasi mod la jittrasferixxu, la jassenjaw, la jagħtu u lanqas jikkonċedu drittijiet lil terzi b`rabta man-negozju jismu "Champs" / "Champ Pastizzeria".*

c) ***Mandat ta' qbid*** **numru 1560/2004** *li kien jolqot l-attrezzi tan-negozju ta' pastizzerija inkluż fridges kbar, il-bank tal-friża u magni;*

d) ***Mandat ta' inibizzjoni numru 1865/2004*** *– li kien jolqot dak formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

e) ***Mandat ta' qbid numru 17/2022.***

8. *Illi minn kuntratti eżebiti minn George Fenech f'atti tad-disprezz* **wara** *s-sentenza ta' separazzjoni jirriżulta li Antoine Tanti u Maria Perrett ddikjaraw falzament li huma għandhom kirja permezz ta' skrittura datata 08/04/2001 meta l-iskrittura kienet saret minn Sylvana Tanti u Noel Tanti konġuntivament. Dak iż-żmien il-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet għadha pendenti u ħadd mill-konvenuti ma ndenja jinforma lill-Qorti li sar ftehim privat ma' George Fenech kif ukoll ħadd minnhom ma indenja jinforma lill-Qorti b'dan meta kienu għaddejjin il-proċeduri tal-mandat ta' inibizzjoni numru 663/2014 JZM apparti li Noel Tanti, illum mejjet, naqas milli jiżvela dan fil-proċeduri tal-kawża ta' separazzjoni, l-iskop tal-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri huwa wieħed li jieħdu u jagħmlu negozju fuq assi li mhux tagħhom – l-esponenti tirriserva d-dritt tagħha skont il-liġi li tagħmel kwerela ta' misappropjazzjoni u frodi. Illi t-titolu ta' kera li qed jirriferi għalih r-rikorrent 5 huwa bbażat fuq kawża illeċita. Ir-rikorrent George Fenech u l-familja tiegħu kien jissuplixxi l-ħanut The Champs għal snin twal u n-negozju li għamel ir-rikorrent meta ħa l-kirja tal-ħanut illeċitament huwa għamlu b' konoxxjenza ampja ta' dak li kien għaddej. Il-partijiet l-oħra fl-allegat ftehim kienu partijiet fil-proċeduri l-Qorti fejn ġie dikjarat null t-trasferiment tal-kirja tal-ħanut mingħand Noel Tanti lil Antoine Tanti fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "***Sylvana Tanti [I.D.***

***366871(M)] u b`digriet tat-30 ta` Marzu 2016 kunjom l-attriċi nbidel għal "Zammit" kontra Noel Tanti [I.D. 274667(M)], Antoine Tanti [I.D. 378571 (M)] u Maria Perrett [I.D. 982549(M)] (Rikors Ġuramentat Numru 633/08 JZM)** deċiża fit-30 ta' Marzu 2016".*

9. *Illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-proċeduri tal-mandat in proċintu Rikors Numru 78/2022/2 JVC **[Dokument GF 2 eżebit mar-rikors promotur]** imxiet korrettement meta kjamat fil-kawża lil George Fenech u l-konvenuti l-oħra kompliċi ta' din it-transazzjoni qarrieqa biex jeludu lil Sylvana Zammit ġja Tanti minn dak li huwa tagħha skont il-liġi. Illi t-talbiet mingħajr preġudizzju għas-suespost, George Fenech t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni ampja li ebda' mandat ma jista' jiġi eżegwit fil-konfront tiegħu hija ultra vires u legalment insostenibbli.*

10. *Illi l-esponenti qed tittenta teżegwixxi l-mandat in proċintu skont il-liġi, ma qed tagħmel xejn b' mod abbużiv jew arbitrarju kif qed jikkontendi r-rikorrent, hija qed tipprova tenforza ordnijiet leġittimi tal-Qrati tagħna li permezz ta' diversi sentenzi affermaw id-dritt tagħha li tieħu pussess tal-propjeta' tagħha skont il-liġi. Illi d-dewmien li qed jikkrea r-rikorrent permezz tal-proċeduri li qed jippreżenta qed jikkrealha danni materjali, fil-waqt li r-rikorrent qed ikompli jiġġestixxi negozju u jokkupa fond kummerċjali [pastizzerija] li ma għandu ebda' jedd għalih skont il-liġi u billi jagħmel hekk qed jilledi d-dritt ta' Sylvana Zammit ġja Tanti, mid-dritt tagħha tat-tgawdija u possediment ta' ħwejjiġha.*

11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeħ kontra l-attur.*

3. Rat illi fit-18 ta' Settembru 2023, l-intimat **Avukat tal-Istat** laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

   1. *Illi in limine litis jingħad li l-parti tal-ilment li tolqot l-**Artikolu 47 (Titolu 6) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** hija inammissibbli u nulla skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex dan l-ilment ma nġiebx b'rikors ġuramentat iżda nġieb b'rikors mhux maħluf. Tassew ma jidhirx li huwa ritwalment korrett li f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem mibdija taħt l-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jiddaħħlu kwistjonijiet u talbiet li għandhom x'jaqsmu mal-Konvenzjoni Ewropea u mhux mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Infatti din il-Karta tidher li hija eskluża wkoll skont ir-**regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni.** Dan huwa loġiku għaliex l-Artikolu 51 tal-istess Karta jistqarr li d-dispożizzjonijiet misjuba fiha huma applikabbli fil-konfront ta' implimentazzjoni tal-Liġijiet tal-Unjoni Ewropea u mhux tal-iStati Membri, ladarba dawn għandhom dispożizzjonijiet simili fil-liġijiet nazzjonali tagħhom u huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea, bħal*

*ma hi Malta. B'hekk kwalunkwe referenza u ilment fuq l-imsemmi Artikolu 47 għandu jiġi skartat kompletament;*

2. *Illi qabel mal-esponent jgħaddi biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għandu jingħad li ġaladarba l-esponent ma kienx parti mill-kawżi riferiti fir-rikors promotur u saħansitra ta' xi atti li ġew annessi fir-rikors promotur u nnumerati 78/2022, 393/2023 FDP, 1/2005 AGV, 29/2022 MH, 17/2023AF, 368/2023AF, 196/2023 AF u 633/2008 JZM, hu m'huwiex edott mill-fatti u mill-proċess tal-atti fil-kawżi sopraċitati u għalhekk jirriserva d-dritt li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri ladarba l-esponent jieħu sfond qasir tal-fatti li wasslu għal din il-kawża odjerna. Dan jingħad iktar u iktar meta minn ħarsa skjetta lejn id-dokumenti li ġew annessi jidher li l-fatti kif stqarr ir-rikorrent mhumiex għal kollox veritiera u ma jpinġux il-ġrajja kif saret eżattament. Barra minn hekk, f'diversi talbiet tiegħu, ir-rikorrent jirreferi għad-drittijiet fundamentali tiegħu li qed jallega li ġew vjolati, b'mod vag u mingħajr ma jagħti indikazzjoni ta' liem artikoli qed jiġu allegatament vjolati u b'hekk dawn it-talbiet huma lkoll nulli;*

3. *Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi l-proċedura odjerna hija* **intempestiva** *stante illi jeżistu rimedji ordinarji fil-forma ta' mezzi ġudizzjarji li r-rikorrenti setgħa jużufruwixxi ruħu minnhom sabiex jattakka d-digrieti kontestati kif ukoll il-mandat kontestat kif diġà qalet tant tajjeb dina l-Onorabbli Qorti b'digriet tas-27 ta' Lulju 2023 u dan għadu ma eżawriex l-imsemmija rimedji ordinarji disponibbli[1] għalih skont il-liġi. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur odjern u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropea;*

4. *Illi marbut ma' dak premess, jidher ċar mir-rikors promotur li r-rikorrent qiegħed jittanta juża dawn il-proċeduri kostituzzjonali u lil dina l-Onorabbli Qorti bħala Qorti tat-tielet istanza ħalli dak li ma rnexxielux jottjeni mill-Onorabbli Prim' Awla bid-diversi proċeduri li fetaħ, jottjenieh minn dina l-Onorabbli Qorti. L-esponent jistmerr u jikkundanna dan l-aġir għaliex m'huwa xejn ħlief abbuż totali mill-proċedura u ħela ta' ħin ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha;*

5. *Illi skont l-proċedura legali Maltija kif ukoll l-ġurisprudenza nostrana jeżistu rimedji ordinarji għal minn ikun irid jikkontesta mandat eżekuttiv u digriet li ma jkunx wieħed interlokutorju mingħajr ma wieħed jinvoka rimedju kostituzzjonali u straordinarju kif qiegħed jittenta jagħmel ir-rikorrenti. Għalhekk l-esponent filwaqt li jisħaq li dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tagħti widen għall-vantazzjonijiet frivoli tar-rikorrenti, jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-proviso tal-***artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2)***

[1] Ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet Joseph Borġ et vs Eucharistico Saliba et, Rik. Nru. 70/1995/1 PS.

***tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** u konsegwentament tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi tiċħadhom **in toto**;*

6. *Illi, preliminarjament ukoll u fir-rigward tas-sitt, tas-seba' u t-tmien talbiet, l-esponenti jirrileva li dawn it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu hekk kif dedotti għaliex l-Avukat Ġenerali, ċioe fil-konfront ta' min qegħdin dawn it-talbiet, mhuwiex parti minn dawn il-proċeduri u lanqas hija l-leġittimu kuntradittur tar-rikorrenti. Dan jingħad stante li l-Avukat Ġenerali m'għandhiex is-setgħa li tirrappreżenta l-Gvern jew entitajiet governattivi f'kawżi kostituzzjonali bħal din odjerna u dan skont il-Liġi;*

7. *Illi fir-rigward tat-talba għal miżura proviżorja sabiex jitwaqqaf il-mandat in proċintu, l-esponent jistqarr li stante li dina l-Onorabbli Qorti korrettament diġa' ċaħdet dina t-talba b'digriet tas-27 ta' Lulju 2023 u stante li l-esponent diġa' rrisponda għal rikors ieħor li ntavola r-rikorrent fuq l-istess materja u talbiet quddiem dina l-Onorabbli Qorti, liema risposta hija datata 30 t'Awwissu 2023 u l-esponent jżomm fis-sħiħ magħha, l-esponent ma jarax li għad baqa' lok sabiex tistħarreġ din it-talba tar-rikors promotur;*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti stante li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;*

9. *Illi dwar l-ewwel talba, jingħad li l-esponent iħossu kemmxejn perpless kif l-artikolu 12 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liem dispożizzjoni għandha x'taqsam mal-President tal-Qorti tal-Appell, ċaħad id-dritt ta' smigħ xieraq lir-rikorrent stante li lanqas biss tinkwadra fiċ-ċirkostanzi tiegħu. In oltre, l-esponent lanqas ma jara kif l-artikolu 836 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jivvjola d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Dan jingħad għaliex l-ewwel u qabel kollox, ir-rikorrent ngħata kull opportunita' li jirrispondi u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu skont l-artikolu 836 (3) u (4)[2]. It-tieni nett, wieħed irid jiftakar li hawnhekk qed nitkellmu fuq revoka ta' mandat kawtelatorju, ċioe' mandat li bil-liġi stess mhuwiex wieħed li jista' jsaddad għal tul ta' żmien, jew b'mod indefinit, bħal m'hu wieħed eżekuttiv, u b'hekk din l-aspettazzjoni tar-rikorrent li l-mandat kawtelatorju tiegħu għandu bis-saħħa jibqa' in vigore hija fallaċi għall-aħħar. In oltre, bħal ma wieħed ma jistax jappella sentenza li għaddiet in ġudikat, daqshekk ieħor hawnhekk ma jistax jappella kontromandat li ġie milqugħ, u l-leġiżlatur din jagħmilha bi skop sabiex il-Qrati nostrana ma jitgħabbewx b'ħafna rikorsi t'appell jew mandati kawtelatorji inutilment fuq l-istess materja. Allaħares il-leġislatur ma jagħmilx limitu sa meta proċedura tista' tibqa' tiġi appellata o meno għax inkella l-proċeduri fil-Qrati tagħna ma jispiċċaw qatt għal mod indefinit għax kullħadd jibqa' jappella*

---

[2] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Johan Huy pro et noe vs Mark Attard** deċiża fis-7 t'Ottubru 2021 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Rikors Nru 926/2021 CFS, fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 802/2021.

*sakemm tgħaddi tiegħu. Dak huwa appuntu li qiegħed jiġri s-subartikolu attakkat mir-rikorrent, pero' sempliċiment għaliex dan id-digriet li jilqa' revoka ta' kontra-mandat huwa wieħed in ġudikat, ma jfissirx li jikser id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent iżda sempliċiment qiegħed jimxi mal-prinċipju taċ-ċertezza legali*[3]*. Wara kollox wieħed irid jiftakar li dritt ta' smigħ xieraq ma jfissirx dritt awtomatiku ta' appell. Għalhekk, l-ewwel talba tar-rikorrent ma timmeritax li tintlaqa' u b'hekk għandha tiġi miċħuda;*

10. *Illi fir-rigward tat-tieni talba jingħad li ma jistax jara kif kjamat in kawża f'mandat in proċintu jmur kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt u jivvjola d-dritt għas-smigħ xieraq. Dan jingħad għaliex l-ewwel u qabel kollox l-artikoli 961 u 962 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta stess jikkontemplaw il-fatt li qabel ma tingħata sentenza definittiva, tista' tiddaħħal terza persuna, liema terza persuna għandha tingħata l-fakultajiet kollha, bħal ma ngħata r-rikorrent stess fil-każ odjern, sabiex tippreżenta r-risposta, provi u sottomissjonijiet tagħha. Ladarba r-rikorrent ngħata d-dritt li jinstema' u stante li r-rikorrent dejjem għandu l-fakulta' li jattakka d-digriet li kkjamah kif ukoll il-mandat eżekuttivi permezz tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent ma jarax kif seta' nkiser id-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent. Wara kollox hawnhekk qed nitkellmu fuq bosta skritturi privati li ġew magħmula b'tali mod li jidher li ċaħdu l-użufrutt li kellha dritt għalih l-intimata Tanti, liem skritturi privati sfaxxaw fix-xejn la darba l-iskrittura tal-14 t'April 2005 li tterminat il-kirja favur l-intimata Tanti ġiet rexissa*[4]*. Tajjeb li jingħad li l-artikolu 1210 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistqarr li tali rexissjoni taffettwa terzi persuni. Għalhekk, l-esponent jirrileva li lanqas din it-talba ma timmerita li tiġi akkolta u b'hekk għandha tiġi miċħuda wkoll;*

11. *Illi fir-rigward tat-tielet talba, l-esponent jirrileva li dak li jistqarr ir-rikorrent mhuwiex minnu u għalhekk l-artikolu 276 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhux vera li huwa kontra l-prinċipji legali tad-dritt u jilledilu d-dritt tiegħu għall-smigħ xieraq u tgawdija paċifika tal-possedimenti. L-ewwel u qabel kollox jingħad li kif diġa' intqal, id-dritt ta' smigħ xieraq ma jfissirx b'mod tassattiv li wieħed għandu jingħata dritt ta' appell. Dan jingħad iktar u iktar meta hawnhekk si tratta ta' mandat eżekutiv, ċioe mandat intiż biex jenforza drittijiet miksuba permezz ta' sentenza ta' Qorti li tkun għaddiet in ġudikat. Jekk il-ġudikati tal-Qrati tagħna ma jistgħux jiġu enforzati allura se tinbet l-inċertezza fis-sistema ġudizzjarja, li għandha tiġi evitata. Inoltre, jingħad li mhux minnu li r-rikorrent ma fadallux rimedji biex jikkontesta l-mandat eżekuttiv li jillanja dwaru għaliex huwa dejjem seta' jirrikorri għar-rimedju mogħti mill-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jimpunja atti eżekuttivi. Illi fir-rigward tat-tgawdija paċifika tal-possediment tiegħu jingħad l-imsemmi artikolu*

[3] Ara s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Bochan v. Ukraine (no. 2) [GC], 2015, §§ 44-45 u Guðmundur Andri Ástráðsson v. Iceland [GC], 2020, § 238**.

[4] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Sylvana Tanti vs. Noel Tanti et** deċiża fid-29 ta' Novembru 2016, Rik. Ġur. Nru. 633/08 JZM.

*276 mhuwiex qiegħed iċaħħad lill-ebda individwu, inqas u inqas lir-rikorrent, milli jgawdi kwalunkwe dritt li hu għandu fuq il-fond. Tajjeb li jingħad li ai termini tal-artikolu 1210 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jidher li r-rexissjoni tal-iskrittura privata li annullat il-kirja preċedenti li kienet tgawdi minnha l-intimata Tanti, taffettwa u tħassar saħansitra l-kirja li jgawdi minnha r-rikorrent, fejn b'hekk m'għandu l-ebda pretenzjoni ħlief dik kontra s-sidien li għaddewlu din il-kirja problematika. Għalhekk, anki għal dawn ir-raġunijiet, din it-talba għandha tiġi miċħuda;*

12. *Illi dejjem bla ħsara għall-premess, l-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** mhux applikabbli għaliex il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa liġi li daħlet fis-seħħ qabel l-1962 u dan skont ma jipprovdi **l-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni**, "**<u>Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962</u> <u>jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew</u>** tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)…";*

13. *Illi bla ħsara għal dak fuq imsemmi, il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-għemil tal-Qrati kontestat mir-rikorrent ma jistgħux jintlaqtu mill-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** minħabba li skont **l-Artikolu 37(2)(h) tal-Kostituzzjoni** ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà li sseħħ fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;*

14. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett kontra l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-għemil tal-Qorti lamentat mir-rikorrenti mil-lenti tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, tajjeb li jingħad li huwa aċċettat kemm mill-ġurisprudenza nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-liġijiet li jagħtu setgħa lill-Qrati li jeżegwixxu sentenza definittiva ma jmorrux kontra dan l-Artikolu imma pjuttost huma konformi ma' dan l-Artikolu. Tassew, għal kuntrarju ta' dak li jisħaq ir-rikorrenti, li kieku l-Istat ma jipprovdix b'mod leġislattiv sabiex wieħed jeżegwixxi sentenza tal-Qrati wieħed jista' jilmenta bi vjolazzjoni tal-imsemmi Artikolu 1, fatt li fil-kawża odjerna ma sseħħx. Għalhekk, ladarba ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l-ilment u din it-talba għandhom jiġu miċħuda wkoll;*

15. *Illi dwar l-ilment mibni fuq l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-ewwel nett jingħad illi r-rikorrent għandu jġib prova li tabilħaqq ġarrab ħsara minħabba d-digrieti lamentati minnu;*

16. *Illi mingħajr preġudizzju, fir-rigward tal-lanjanza tar-rikorrenti abbażi ta' allegat ksur tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** l-esponent jissottometti li l-kunċett kollu ta' smigħ xieraq ma jdurx mal-*

*interpretazzjoni tal-liġi sostantiva jew mal-prinċipji tal-ermenewtika legali iżda huwa mixħut esklussivament fuq il-"procedural fairness" ta' kawża. L-aċċess għall-qorti ma jfissirx li l-liġi għandha tinkiteb kif tkun tixtieq parti* ***jew li sentenza jew digriet tal-qorti għandhom ikunu favorevoli għal parti****. Tassew jingħad li jidher ċar li dan l-allegat ksur ma seħħx għaliex fis-sentenzi u digrieti li jiċċita r-rikorrent ma ġiex sodisfatt l-kunċett ta' nuqqas ta' procedural fairness. Fil-każ odjern jidher illi r-rikorrent qiegħed jinvoka l-jedd ta' smigħ xieraq sempliċiment għaliex mhuwiex kuntent bid-digriet in kwistjoni u dan naturalment mingħajr ma eżawrixxa b'mod korrett u skont il-proċedura r-rimedji ordinarji spettanti lilu. Billi għalhekk l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex marbut ma' xi nuqqas proċedurali fejn ma ngħatax smigħ xieraq, dan l-ilment għandu jiġi miċħud;*

17. *Illi rigward* **l-Artikolu 47 (Titolu 6) misjub fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** *jingħad li dan huwa inapplikabbli għaliex l-Artikolu 51 tal-istess Karta jistqarr li d-dispożizzjonijiet misjuba fiha huma applikabbli fil-konfront ta' implimentazzjoni tal-Liġijiet tal-Unjoni Ewropea u mhux tal-iStati Membri, ladarba dawn għandhom dispożizzjonijiet simili fil-liġijiet nazzjonali tagħhom u huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea, bħal ma hi Malta. B'hekk kwalunkwe referenza u ilment fuq l-imsemmi Artikolu 47 għandu jiġi skartat kompletament;*

18. *Illi magħdud mas-suespost u mingħajr preġudizzju għall-premess, dato ma non concesso li l-allegazzjonjiet tar-rikorrenti huma fondati, ħaġa li l-esponent qed jikkontesta, xorta waħda ma jsegwix li dan jagħti lok għan-nuqqas ta' smigħ xieraq. Kif tgħallimna l-ġurisprudenza nostrana, id-dritt għas-smigħ xieraq jiggarantixxi l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Filfatt, din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni Kostituzzjonali tagħha hija kompetenti biss biex tiddeċiedi jekk ġewx leżi xi drittijiet fundamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea u mhux li tirrevedi d-digrieti tal-Qrati l-oħra sabiex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi korrettament o meno[5];*

19. *Illi bla ħsara għall-premess għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-kawża, jissokta jingħad li l-esponent qajla jista' jifhem b'liema mod sejra tiġi mkasbra l-privatezza ta' ħajjet ir-rikorrent għall-għanijiet tal-* **artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** *għas-sempliċi fatt li huwa ġie ordnat minn Qorti sabiex jiżgombra fond kummerċjali. L-esponent lanqas ma jifhem kif bl-ordni mogħtija minnu, il-Qorti qiegħda tindaħallu dwar il-mod kif jgħix il-ħajja privata tiegħu;*

20. *Illi f'kull każ anke jekk stess l-ordni tal-Qorti kellha titqies bħala sura ta' ndħil f'ħajjet ir-rikorrent, xorta waħda din l-ordni ma tistax titqies bħala inkompatibbli mad-dispost tal-***Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.** *Dan għaliex skont is-***subinċiż (2) tal-artikolu 8***, indħil huwa*

[5] Ara sentenza deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2011 fl-ismijiet **J.E.M. Investments Limited vs Avukat Ġenerali**.

*dejjem permessibbli jekk dan ikun skont il-liġi u jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor, sewwasew f'dan il-każ, il-Qorti Maltija għandha kull dritt skont l-***artikolu 388G tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** *li tagħti dawk l-ordnijiet sabiex tiġi eżegwita sentenza li għaddiet in ġudikat. M'hemmx dubju li dan il-mandat sar sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-intimata Tanti fir-rigward tal-kirja li hi suppost għandha tgawdi minnha sas-sena 2030. Illi għaldaqstant l-ilment tar-rikorrent kif imsejjes fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa manifestament mingħajr bażi legali u għalhekk għandu jiġi miċħud;*

21. *Illi bla ħsara għal dak fuq imsemmi, il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-għemil tal-Qrati kontestat mir-rikorrent ma jistgħux jintlaqtu mill-***Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** *minħabba li skont* **l-Artikolu 38(2)(b) u (2)(d) tal-Kostituzzjoni** *ebda ħaġa li hemm fi jew li hija magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment li jkun raġonevolament meħtieġ sabiex jinġiebu 'l quddiem id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra u li jawtorizza, għall-fini ta' esekuzzjoni ta' sentenza d-dħul f'xi post b'ordni ta' qorti. Għalhekk, l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward ukoll ma jimmeritax li jintlaqa' u konsegwentement għandu jiġi miċħud;*

22. *Illi inoltre, fir-rigward tas-sitt, tas-seba' u tat-tmien talba jiġi eċċepit li f'kull każ ir-rikorrenti ma jistax jitlob kumpens u danni ai termini* **tal-Artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem***. Dan għaliex it-tali artikolu jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin. Tali artikolu lanqas ma jifforma parti mil-liġi Maltija;*

23. *Illi għal raġunijiet kollha fuq esposti l-ilmenti ta' ksur tad-drittijiet fundamentali suesposti jimmeritaw li jiġu miċħuda u konsegwentement it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

24. *Illi magħdud mal-premess, l-esponent jistqarr li sempliċiment referenza fir-rikors promotur għall-fatti u atti ta' kawżi ċivili mhijiex biżżejjed sabiex jikkostitwixxu l-aħjar prova għaliex* ***qua non est in actis non est in mundo****. Għalhekk l-esponent jistqarr li għalkemm fit-talbiet ir-rikorrent jirreferi għall-atti, hu jistqarr li huwa dmir li r-rikorrent jirriproduċihom jew jallegawhom mal-atti tal-kawża odjerna jekk verament jixtieq li dina l-Onorabbli Qorti u l-intimati jieħdu konjizzjoni tagħhom;*

25. *Illi finalment, dato ma non concesso li din l-Onorabbli qorti jidrilha li ġew leżi xi drittijiet tar-rikorrenti, ħaġa li l-esponent qiegħed jikkontesta, fiċ-ċirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;*

26. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

> *Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt ġaladarba r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

4. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

**Provi**

5. Rat illi fis-26 ta' Lulju 2023 ir-rikorrenti ntavola rikors urġenti sabiex il-Qorti tagħti rimedju interim billi tissospendi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' żgumbrament u l-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2JVC sakemm tiġi deċiża l-kawża.

6. Rat illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Lulju 2023 it-talba għal rimedju interim ġiet miċħuda.

7. Rat illi fl-10 ta' Awwissu 2023 ir-rikorrenti reġa' ntavola rikors urġenti ieħor sabiex il-Qorti tagħti rimedju interim billi tilqa' t-talba provviżorjament u tordna li sakemm tiġi deċiża t-talba għall-ħruġ ta' miżura interim ma ssir l-ebda eżekuzzjoni tal-ebda mandat ta' żgumbrament jew mandat in proċintu, tappunta r-rikors għas-smigħ u tissospendi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' żgumbrament u l-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu 78/2022/2 sakemm tiġi deċiża l-kawża.

8. Rat illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Settembru 2023 ir-rikors ġie appuntat għat-trattazzjoni finali.

9. Rat illi fl-14 ta' Settembru 2023 ir-rikorrenti reġa' ntavola rikors urġenti sabiex il-Qorti tordna illi sakemm it-talba għall-ħruġ ta' miżura interim tiġi deċiża m'għandhiex issir eżekuzzjoni ta' ebda mandat ta' żgumbrament jew ordni ta' żgumbrament jew l-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu fil-konfront tar-rikorrenti.

10. Rat illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Settembru 2023 it-talba tar-rikorrenti ġiet miċħuda.

11. Rat illi fit-22 ta' Settembru 2023, ir-rikorrenti ntavola rikors urġenti sabiex sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar jekk għandux jingħata interim measure, m'għandhiex issir l-eżekuzzjoni ta' ebda mandat ta' żgumbrament jew ordni ta' żgumbrament jew l-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu 78/2022/2JVC fil-konfront tar-rikorrenti.

12. Rat illi fit-22 ta' Settembru 2023 il-Qorti ordnat illi l-eżekuzzjoni tal-mandat numru 78/2022/2JVC jiġi għalissa sospiż sakemm il-Qorti tisma' lill-partijiet fis-27 ta' Settembru 2023 wara liema smiegħ il-Qort tgħaddi biex tiddeċiedi jekk l-eżekuzzjoni tal-mandat għandux jitkompla jew le.

13. Rat illi fis-27 ta' Settembru 2023 ġie trattat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fl-10 ta' Awwissu 2023 (fol 307-311 et seq).

14. Rat illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Settembru 2023, il-Qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-interim measure u rrevokat id-digriet ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat.

15. Rat illi fit-2 ta’ Ottubru 2023 ir-rikorrenti ntavola rikors fejn talab lill-Qorti tagħtih permess speċjali sabiex jinterponi appell mid-digriet tat-28 ta’ Settembru 2023.

16. Rat illi b’digriet mogħti fit-3 ta’ Ottubru 2023, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti.

17. Rat illi fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2023, il-partijiet iddikjaraw illi ma hemmx provi x’ jippreżentaw u l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

18. Rat illi fl-14 ta’ Novembru 2023 ir-rikorrenti ppreżenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu (fol 319-336).

19. Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2023 il-kawża marret għas-sottomissjonijiet finali tal-intimati.

20. Rat illi fis-7 ta’ Marzu 2024, l-intimata Sylvana Zammit ġja Tanti ppreżentat n-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha (fol 340-346).

21. Rat illi fis-7 ta’ Marzu 2024, l-intimat Avukat tal-Istat ippreżenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu (fol 347-370).

22. Rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Ġunju 2024 il-kawża marret għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

23. Jirriżulta illi l-intimata Sylvana Tanti flimkien ma’ dakinhar żewġha Noel Tanti kienu daħlu fi skrittura privata ma’ Maria Perrett datata 8 ta’ Frar 2001 li permezz tagħha kienu akkwistaw b’titolu ta’ kera l-fond numru 65, St. George’s Road, San Ġiljan.

24. Jirriżulta illi minn dan il-fond kien qiegħed jiġi ġestit in-negozju ta’ pastizzerija bl-isem *“The Champ”.*

25. Jirriżulta illi ftit snin wara, rizultat ta’ differenzi bejn il-konjuġi Tanti, kienu ġew intavolati diversi mandati mill-intimata Sylvana Tanti fil-konfront ta’ żewġha Noel Tanti, fosthom il-mandat ta’ qbid bin-numru 1560/2004, mandat ta’ sekwestru bin-numru 1561/2004 u l-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 1815/2004.

26. Jirriżulta illi fis-sena 2005, senjatament fit-3 ta’ Jannar 2005, l-intimata Sylvana Tanti ntavolat kawża ta’ separazzjoni, liema kawża ġġib in-numru 1/2005 fl-ismijiet *Sylvana Tanti pro et noe vs Noel Tanti*.

27. Jirriżulta illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat sentenza in parte fit-28 ta’ Frar 2017, liema sentenza kienet ġiet appellata u l-appell kien ġie deċiż fil-15 ta’ Lulju 2019, fejn il-Qorti tal-Appell kienet provdiet illi l-attriċi għandha tipparteċipa fid-dħul ġenerat minn negozji tal-komunjoni, u ċioe’ negozji li jikkonsistu fi ħwienet tal-pastizzi u l-avvjament tal-pastizzerija *“The Champ”* ġestit minn 65, St George’s Road, San Ġiljan u ħanut ieħor ġewwa San Ġwann stante illi dawn iż-żewġ negozji jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

28. Jirriżulta illi r-raġel tal-intimata Noel Tanti, waqt il-kors ta’ proċeduri ta’ separazzjoni, kien permezz ta’ skrittura datata <u>14 ta’ April 2005</u>, ittermina l-kirja tal-ħanut *“The Champ”* ġewwa San Ġiljan mingħajr il-kunsens tal-intimata Sylvana Tanti u fl-istess ġurnata saret skrittura privata bejn Maria Perrett, sid il-propjeta', u ħu Noel Tanti, ċertu

Antoine Tanti, fejn ġie konċess lilu b'titolu ta' kera l-fond numru 65, St. George's Road, San Ġiljan.

29. Jirriżulta illi l-intimata Sylvana Tanti, waqt illi kienu għaddejjin il-proċeduri ta' separazzjoni, kienet intavolat kawża fl-ismijiet *Sylvana Tanti u b`digriet tat-30 ta` Marzu 2016 kunjom l-attriċi nbidel għal "Zammit" kontra Noel Tanti, Antoine Tanti u Maria Perrett* bin-numru 633/2008.

30. Jirriżulta illi din il-kawża ġiet deċiża fid-29 ta' Novembru 2016, fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat nulla l-iskrittura privata datata 14 ta' April 2005 bejn Noel Tanti u Maria Perrett.

31. Jirriżulta wkoll illi l-intimata Sylvana Tanti kienet ukoll intavolat mandat ta' inibizzjoni bin-numru 663/2014 fl-ismijiet *Sylvana Tanti vs Noel Tanti, Antoine Tanti u Maria Perrett,* liema mandat kien ġie degretat finalment fis-26 ta' Mejju 2014.

32. Jirriżulta illi, madanakollu, nelfrattemp, kienet saret skrittura privata datata 2 ta' Lulju 2012 bejn Antoine Tanti, Maria Perrett, Ramon Gusman u l-attur George Fenech, li permezz tagħha l-fond de quo ġewwa San Ġiljan flimkien mal-permess tan-negozju kien ġie sullokat minn Antoine Tanti lir-rikorrenti George Fenech, u dan sat-8 ta' April 2030.

33. Jirriżulta illi dan il-fond, sussegwentement, kien ġie mibjugħ minn Maria Perrett lis-soċjeta' Gusvend Services Limited permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Jannar 2014.

34. Jirriżulta illi Antoine Tanti kien ittermina l-kirja tiegħu fuq il-fond in kwistjoni permezz ta' skrittura datata 15 ta' Mejju 2017.

35. Jirriżulta illi s-soċjeta' Gusvend Services Limited, rappreżentata minn Ramon Gusman, daħlet fi skrittura privata mar-rikorrenti, liema skrittura ġġib id-data 15 ta' Mejju 2017 li permezz tagħha r-rikorrenti u martu Alexandra Fenech akkwistaw b'titolu ta' kera l-fond de quo ġewwa San Ġiljan.

36. Jirriżulta illi l-kawża ta' separazzjoni bin-numru 1/2005 bejn il-konjuġi Tanti ġiet deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-21 ta' Mejju 2020 fejn il-Qorti ddeċidiet illi: "*L-attriċi tiġi assenjata l-kirja u l-ġestjoni tal-ħanut "The Champ," San Ġiljan, flimkien mal-avvjament, permessi u l-armar u makkinarju;"*

37. Jirriżulta illi Noel Tanti miet fis-7 ta' Frar 2021 u l-eredi tiegħu ma aċċettawx il-wirt.

38. Jirriżulta, kif fuq ġia deskritt, illi tul is-snin, kienu ġew intavolati diversi kawżi u mandati kemm minn Sylvana Tanti kif ukoll mir-rikorrenti George Fenech.

39. Jirriżulta illi l-intimata Sylvana Tanti ntavolat mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2, liema mandat kienet ġie degretat fis-26 ta' Jannar 2023.

40. Jirriżulta illi l-Qorti waqt is-smigħ ta' dan il-mandat in proċintu permezz ta' digriet datat 14 ta' Lulju 2022, kjamat fil-kawża lil Ramon Gusman, lis-soċjeta' Gusvend Services Ltd u lir-rikorrenti George Fenech.

41. Jirriżulta illi fid-digriet tagħha l-Qorti, tat il-jedd lil Sylvana Tanti sabiex tiżgombra mill-fond de quo lill-intimati u lill-kjamati kollha fil-mandat partikolarment iżda mhux

limitatament lill-kjamat fil-kawża George Fenech, li kien qiegħed jiġġestixxi l-fond in kwistjoni.

42. Jirriżulta illi sussegwentament fil-konfront tar-rikorrenti saret proċedura ta' żgumbrament.

43. Jirriżulta illi r-rikorrenti ntavola rikors revoka bin-numru 17/2023, liema rikors kien ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Frar 2023.

44. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti ntavola mandat ta' inibizzjoni bin-numru 393/2023/1 fl-ismijiet *George Fenech vs Sylvana Tanti et*, liema mandat kien ġie milqugħ fit-22 ta' Marzu 2023.

45. Jirriżulta wkoll illi l-intimata Sylvana Tanti intavolat rikors revoka bin-numru 368/2023, liema rikors revoka ġie milqugħ fil-11 ta' Lulju 2023 u li permezz tiegħu l-mandat ta' inibizzjoni numru 393/2023 ġie revokat.

**Ikkunsidrat**

46. Jirriżulta mill-premessi u mill-provi prodotti illi r-rikorrenti qiegħed jallega illi huwa sofra diversi vjolazzjonijiet fil-proċeduri ġudizzjarji kif ukoll b'riżultat tal-intimata u qed jitlob lill-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Artikolu 836(5) tal-Kap 12 li jagħmel divjet ta' appell u kontestazzjoni biss fil-konfront ta' digriet li jilqa' talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju jivvjola d-dritt għal smiegħ xieraq tal-attur, illi l-kjamat in kawża f'mandat eżekuttiv fin-nuqqas ta' sentenza tal-Qorti li tkun tikkostitwixxi res judicata bejn il-partijiet, senjatament fil-mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2 jew kwalsiasi mandat ieħor hija kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt u jivvjola wkoll id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, illi l-Artikolu 276 tal-Kap 12 qiegħed iwassal lir-rikorrenti li jiġi żgumbrat minn ġo ħwejġu li hu jgawdi b'titolu leġittimu ta' kera u li dan imur kontra l-prinċipji ġenerali tad-dritt u jilledi d-dritt għal smigħ xieraq u tgawdija paċifika tal-possedimenti.

47. Ir-rikorrenti qiegħed ukoll jitlob il-Qorti illi tiddikjara li konsegwentament ġew vjolati l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, liema dritt huwa wkoll garantit taħt it-Titolu 6 (Artikolu 47) tac-*Charter of Fundamental Rights* tal-Unjoni Ewropea, li ġie vjolat ukoll l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti.

48. In oltre, qiegħed jitlob ukoll it-tħassir, l-annulament u r-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu 78/2022/2 fl-intier fil-konfront tar-rikorrenti, li l-intimat Avukat Ġenerali huwa responsabbli għall-kumpens u danni li din il-Qorti qiegħda tiġi wkoll mitluba tillikwida u li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi kkundannat iħallas l-kumpens u danni likwidati.

49. Jirriżulta illi, da parte tagħha, l-intimata Sylvana Zammit ġja Tanti ressqet numru ta' eċċezzjonijiet fosthom illi mhux il-leġittima kontradittur, illi r-rikorrenti naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji disponsibbli skont il-liġi, illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva għaliex pendenti quddiem il-Qrati hemm diversi kawża intiżi sabiex jiġi revokat il-mandat in proċintu jew biex iwaqqfu l-eżekuzzjoni, illi r-rikorrenti qiegħed

jabbuża mill-proċeduri billi fetaħ diversi proċeduri quddiem qrati diversament preseduti b'talbiet simili u diversi eċċezzjonijiet oħra.

50. Jirriżulta illi l-intimat Avukat tal-Istat ressaq numru ta' eċċezzjonijiet fosthom illi l-ilment li jolqot l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija inammissibli u nulla u li l-Karta tidher illi hija eskluża skont ir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, illi l-proċedura odjerna hija intempestiva stante illi jeżistu rimedji ordinarji fil-forma ta' mezzi ġudizzjarji li r-rikorrenti seta' jużufruwixxi minnhom biex jattakka d-digrieti kkontestati kif ukoll il-mandat ikkontestat, illi r-rikorrenti qiegħed jittanta juża dawn il-proċeduri kostituzzjonali u lil dina l-Qorti bħala Qorti tat-tielet istanza, illi s-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu billi l-Avukat Ġenerali mhuwiex parti minn dawn il-proċeduri u lanqas huwa leġittimu kontradittur tar-rikorrenti, kif ukoll bosta eċċezzjonijiet oħra.

**L-eċċezzjoni tal-intimata Sylvana Tanti illi m'hijiex il-leġittimu kontradittur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju**

51. Illi l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimata tirrigwarda l-kwistjoni illi hija ma tistax titqies bħala l-leġittimu kontradittur u għandha b'hekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq il-fatt illi ebda ċittadin privat ma jista' jkun ħati li kiser id-drittijiet fundamentali ta' terzi.

52. Illi l-Qorti tirrileva illi din il-materja ġiet ta' spiss dibattuta quddiem il-Qrati tagħna u b'hekk hemm ġurisprudenza ampja in materja. Il-Qrati tagħna, f'diversi kawżi, esprimew ruħhom fuq il-leġittimita' passiva taċ-ċittadini privati meta jkunu ċċitati f'kawżi ta' natura kostituzzjonali bħalma hi l-kawża in deżamina.

53. Referenza ser ssir għall-kawża fl-ismijiet ***Raymond u Geraldine konjuġi Cassar Torreggiani v. Avukat Ġenerali u John u Christine konjugi Tabone***[6] fejn il-Qorti Kostituzzjonali tenniet illi:

> *"biex ġudizzju jkun integru jeħtieġ li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-proċeduri. B'hekk tiġi assigurata kemm jista' jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta' ripetizzjoni ta' proċeduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f'ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa' integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti".*

54. Illi f'kawża oħra mogħtija fl-10 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet ***Joseph Baldacchino vs L-Avukat tal-Istat u Marcel Scicluna***[7], il-Qorti tispjega illi:

> *"L-intimat Scicluna eċċepixxa li ma kiser l-ebda dritt fundamentali u għalhekk ma jistax ikun leġittimu kuntradittur. Din l-eċċezzjoni titqajjem ta' sikwit f'kawża kostituzzjonali. B'danakollu, huwa xorta waħda huwa leġittimu kontradittur. Dan peress illi llum il-ġurnata l-leġittimu kontradittur*

[6] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013- Rik. Numru: 1/2012/1
[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 2022- Rik. Numru: 185/2020

*f'kawża "kostituzzjonali" mhux ristrett għal dak li allegatament ikun ikkommetta ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem. Jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali, prinċipalment:*

*(a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna.*

*(b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-għemejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd.*

*(ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti.*

*(d) ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, fi żmien iktar riċenti, bdew jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwistjoni.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali qalet li "dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqiesu illi jeskludu kategoriji oħra".*

55. Huwa ċar u manifest illi l-preżenza tal-intimata fil-proċeduri odjerni hija preżenza neċessarja għall-integrita' tal-ġudizzju. Huwa evidenti illi l-intimata hija parti interessata u li l-vertenza tal-azzjoni proposta mill-attur taffettwa lilha wkoll.

56. Illi mill-atti jirriżulta illi l-azzjoni tentata mill-attur hija mmirata sabiex fost l-oħrajn ikun hemm t-tħassir, l-annullament u r-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu 78/2022/2 fil-konfront tiegħu.

57. Illi dan il-mandat in proċintu nħareġ sussegwenti proċeduri ntavolati mill-intimata stess sabiex tkun tista' tenforza s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) bin-numru 1/2005 f'dak li għandu x'jaqsam man-negozju *"The Champ"* ġewwa San Ġiljan, liema kirja u negozju ġew assenjati lilha permezz tas-sentenza surreferita.

58. Illi b'hekk ma hemm ebda dubbji li l-intimata għandha interess fl-eżitu tal-kawża odjerna u għalhekk ma tistax titqies illi mhux il-leġittimu kontradittur.

59. Għaldaqstant il-Qorti ser tiċħad din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimata Tanti.

**Meritu tal-Każ**

60. Jirriżulta illi r-rikorrenti qiegħed jallega illi l-mandat in proċintu nħareġ illegalment u li dan il-mandat ma jistax jiġi esegwit fil-konfront tiegħu fir-rigward il-fond minnu ġestit.

61. In oltre, jirriżulta wkoll illi l-attur qed permezz tal-kawża odjerna jallega illi l-Artikolu 836(5) tal-Kap 12 li ma jippermettix li jsir appell minn digriet fejn il-Qorti tilqa' t-talba għal rikors revoka ta' mandat kawtelatorju jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

62. Ir-rikorrenti jallega wkoll illi l-Artikolu 276 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif ukoll għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti.

63. Kif ingħad diġa' aktar 'il fuq, kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimata Sylvana Tanti intavolaw numru ta' kawżi u ta' mandati.

64. Illi l-Qorti sejra l-ewwel u qabel kollox telenka l-azzjonijiet promossi minnhom.

a. Kawżi u mandati ntavolati mir-rikorrenti George Fenech fejn l-intimata Sylvana Tanti hija waħda mill-partijiet:

- Kawża numru 29/2022MH ippreżentata fil-31 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet *Sylvana Zammit gja Tanti vs Dr Daniel Attard u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina nominati permezz ta' Digriet tad-9 ta' Settembru 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Noel Tanti, Antoine Tanti u George Fenech* fejn intalbet ir-revoka tal-mandat ta' żgumbrament numru 16/2022MH, liema talba ġiet milqugħa fit-3 ta' Marzu 2022.

- Kawża numru 17/2023AF ippreżentata fil-31 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet *Sylvana Tanti vs Dr Daniel Attard u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina nominati permezz ta' Digriet tad-9 ta' Settembru 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Noel Tanti* fejn intalbet ir-revoka tal-mandat in proċintu numru 78/2022/2, liema talba kienet ġiet miċħuda fit-28 ta' Frar 2023.

- Kawża numru 35/2023AGV ippreżentata fit-22 ta' Frar 2023 fl-ismijiet *Sylvana Tanti vs Attard Dr Daniel et noe* fejn intalbet ir-revoka tal-mandat in proċintu numru 78/2022/2. Din ġiet deċiża fid-9 ta' Mejju 2024.

- Kawża numru 196/2023AF ippreżentata fl-24 ta' Frar 2023 fl-ismijiet *George Fenech vs Sylvana Tanti u Dr Daniel Attard u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina nominati permezz ta' Digriet tad-9 ta' Settembru 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Noel Tanti, Ramon Gusman, Gusven Services Limited u Antoine Tanti* fejn intalab illi l-mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2JVC jew kwalsiasi mandat ieħor ma jistax jiġi eżegwit kontra r-rikorrenti fir-rigward tal-imsemmi fond, li l-mandat in proċintu nħareġ mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili meta l-mandat sar quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u b'hekk il-Prim' Awla ma kellha ebda kompetenza tiddeċiedi tali mandat u ntalab ukoll it-tħassir, annullament u revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu 78/2022/2 fil-konfront ta' George Fenech. Din il-kawża ġiet ċeduta.

- Mandat ta' inibizzjoni ppreżentat fit-8 ta' Marzu 2023 bin-numru 393/2023/1FDP fl-ismijiet *Fenech George vs Tanti Sylvana et* liema mandat kien ġie milqugħ fit-22 ta' Marzu 2023.

- Mandat ta' inibizzjoni ppreżentat fil-31 ta' Lulju 2023 bin-numru 115/2023/2MCH fl-ismijiet *Fenech George vs Tanti Sylvana,* liema mandat kien ġie miċħud fl-10 ta' Awwissu 2023.

- Kawża numru 175/2023AGV ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet *Fenech George vs Tanti Sylvana*, liema kawża ġiet deċiża fid-9 ta' Mejju 2024 fejn ir-rikorrenti talab illi l-mandat in proċintu 78/2022/2JVC jew kwalsiasi mandat ieħor ma jistax jiġi eżegwit kontrih, tiddikjara illi l-mandat in proċintu u l-kjamat tal-attur George Fenech fil-mandat in proċintu huwa illegali u mhux skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt, tiddikjara illi l-Qorti kienet skorretta meta kjamatu fil-mandat u ħolqot preċedent illegali tenut kont li r-rikorrenti qatt ma kellu res judicata kontrih u għalhekk ma jistax isegwi li mandat eżekuttiv jiġi eżegwit fil-konfront tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 237 tal-Kap 12, tiddikjara li l-Qorti tal-Familja ma kellha ebda setgħa li tikkjama fil-kawża lir-rikorrenti u m'għandhiex kompetenza li tiddeċiedi u tagħti sentenza/digriet fil-konfront tar-rikorrenti u konsegwentament tordna t-tħassir, l-annullament u r-revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2JVC fl-intier fil-konfront tar-rikorrenti George Fenech. Din il-kawża ġiet sussegwentament appellata mir-rikorrenti, liema appell għadu pendenti.

- Kawża numru 173/2023MCH ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet *Sylvana Tanti vs Dr Daniel Attard et noe,* fejn intalbet ir-revoka tal-mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2, liema kawża ġiet ċeduta.

- Mandat ta' inibizzjoni numru 143/2023DC ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2023 fl-ismijiet *Fenech George vs Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili et*, liema mandat ġie ċedut.

b. Kawżi u mandati ntavolati mill-intimata Sylvana Tanti fejn ir-rikorrenti kien wieħed mill-partijiet:

- Mandat ta' żgumbrament ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2022 bin-numru 16/2022MH fl-ismijiet *Zammit ġja Tanti Sylvana vs Attard Dr Daniel et noe,* liema mandat kien ġie milqugħ.

- Mandat ta' qbid ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2022 bin-numru 17/2022MH fl-ismijiet *Zammit ġja Tanti Sylvana vs Attard Dr Daniel et noe,* liema mandat kien ġie milqugħ.

- Mandat in proċintu ppreżentat fit-12 ta' April 2022 bin-numru 78/2022/2JVC fl-ismijiet *Tanti Sylvana vs Attard Dr Daniel et noe,* fejn ir-rikorrenti kien ġie kjamat in kawża. Dan il-mandat kien ġie milqugħ fis-26 ta' Jannar 2023.

- Rikors revoka numru 368/2023AF ippreżentat fl-4 ta' April 2023 fl-ismijiet *George Fenech vs Sylvana Tanti et* li permezz tiegħu l-intimata kienet talbet ir-revoka tal-mandat ta' inbizzjoni numru 393/2023/1. Illi l-Qorti kienet fil-11 ta' Lulju 2023 laqgħet it-talba tal-intimata u rrevokat il-mandat surreferit.

- Mandat ta' sekwestru ppreżentat fit-22 ta' Settembru 2023 bin-numru 1842/2023DC fl-ismijiet *Zammit nee' Tanti Sylvana vs Fenech George*, liema mandat kien ġie milqugħ iżda wara kien ġie ppreżentat kontro-mandat bin-numru 1979/2023, liema kontro-mandat kien ġie akkordat.

65. Kif jista' jiġi osservat, il-kwistjoni dwar il-kirja tal-ħanut The Champ kien il-meritu ta' numru konsiderevoli ta' proċeduri.

**Ikkunsidrat**

66. Il-Qorti sejra issa tistħarreġ l-ilmenti kostituzzjonali mressqa mill-attur.

<u>Artikolu 836 (5) tal-Kap 12</u>

67. Ir-rikorrenti jilmenta illi l-Artikolu 836(5) tal-Kap 12 li jagħmel divjet ta' appell u kontestazzjoni biss fil-konfront ta' digriet li jilqa' talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju jivvjola d-dritt għal smigħ xieraq tiegħu.

68. L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tinnota illi r-rikorrenti fit-talba tiegħu jonqos milli jispeċifika eżattament għal liema proċedura u għal liema kawża ta' rikors revoka qiegħed jirreferi. Illi, b'hekk il-Qorti kellha tasal waħedha għal liema kawża r-rikorrenti qiegħed jirreferi u dan għamiltu b'evalwazzjoni tal-atti u tad-dokumentazzjoni kollha eżebita quddiemha.

69. Illi r-rikorrenti kien intavola mandat ta' inibizzjoni bin-numru 393/2023, liema mandat kien ġie milqugħ u sussegwentament revokat in segwito għall-proċedura ta' rikors revoka bin-numru 368/2023 magħmula mill-intimata Tanti. Illi r-rikorrenti qiegħed jilmenta illi minn dik id-deċiżjoni, u ċioe, fejn il-Qorti tilqa' t-talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju, l-Artikolu 836(5) tal-Kap 12 ma jipprovdix appell .

70. Illi l-Qorti ser tipproduċi t-test tal-artikolu tal-liġi nvokat:

> *"(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a)ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors".*

71. Il-Qorti tirrileva illi l-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi proċedura fejn persuna li kontra tagħha nħareġ mandat kawtelatorju tkun tista' tagħmel azzjoni sabiex dak il-mandat jiġi revokat għal kollox jew parti minnu.

72. Illi referenza ser issir għall-kawża fl-ismijiet ***Alfred Spiteri Vs Karen Camilleri***[8] fejn il-Qorti fuq il-proċedura kkontemplata bl-Artikolu 836 qalet hekk:

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Awwissu 2020- Rikors Revoka Numru 515/2020

*"Fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja dwar il-mertu ta' bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-provvediment finali mogħti fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et:*

*"mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.*

*Il-Qorti hija gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament.*

*Il-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tiegħu ntlaqa' l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi li s-sekwestrat jista' jibbaża l-azzjoni tiegħu sabiex jitneħħa l-mandat, fost dawn wieħed isib bdil ta' ċirkostanzi kif ukoll l-għoti ta' garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat. Il-leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi jekk il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, dan ikun jista' jitneħħa permezz ta' kontro-mandat.*

*Min-naħa l-oħra jekk s-sekwestrat ikun irid jikkontesta il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju għal xi raġuni li ma taqax taħt dak li jipprovdi l-Artikolu 836 allura huwa għandu jistitwixxi azzjoni b'rikors ġuramentat u li mis-sentenza in segwitu għal dak ir-rikors jista' jsir appell. Fis-sentenza Howard Stanley Kreiss vs. Patrick Zrinzo din il-Qorti diversament preseduta dehrilha xieraq qabel kull ħaġa oħra, li tistħarreġ kwestjoni proċedurali ta' siwi ewlieni stante li s-siwi ta` att ġudizzjarju huwa wieħed ta' ordni pubbliku u jista' jitqanqal minn qorti wkoll ex ufficio. Fost oħrajn ingħad:*

*Illi m`hemm l-ebda dubju li d-deċiżjoni ta` Qorti li tilqa` jew tiċħad talba għall-ħruġ ta` Mandat kawtelatorju hija degriet u mhux sentenza.*

*[...]*

*Illi l-proċedura biex wieħed jattakka jew jibdel digriet li jkun laqa` talba għall-ħruġ ta` Mandat m`hijiex waħda li bdiet tintuża issa jew f`dawn l-aħħar snin: hemm sensiela ta` każijiet fejn il-Qrati tagħna qiesu talbiet bħal dawn u, partikolarment, l-għamla ta` proċedura meħtieġa. Kemm hu hekk, tqis li digriet li bih Qorti tkun laqgħet talba għall-ħruġ ta` Mandat kawtelatorju m`huwiex la wieħed definittiv u lanqas wieħed interlokutorju, ukoll jekk*

*jingħata wara li l-Qorti tkun semgħet lill-partijiet (Ara App. Civ. 10.8.1953 fil-kawża fl-ismijiet Baldacchino et vs Bellizzi (Kollez. Vol: XXXVII.i.519) ). Digriet bħal dak ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas jorbot lill-ġudikant, u lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju, imma jagħmel biss parti mill-atti tal-Mandat relattiv, u mhux parti mill-atti tal-kawża, imma jeżawrixxi ruħu bil-ħruġ tiegħu;*

*[...]*

*Illi għalhekk, f`każijiet fejn ma japplikawx l-estremi tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 (bħal f`dan il-każ, għaliex l-artikolu 836(5) jgħodd biss f`ċirkostanzi fejn it-talba għat-tħassir ta` Mandat tkun intlaqgħet), it-tifsira li jidher li għandha tingħata għal min irid jattakka digriet li bih jinħareġ Mandat kawtelatorju hi li dan għandu jressaq talba permezz ta` Rikors Maħluf (App. Ċiv. 8.5.2003 fil-kawża fl-ismijiet Josef Gatt vs Marisa Gatt). Billi l-proċedura speċjali sommarja mfissra fl-imsemmi artikolu 836 tapplika biss għaċ-ċirkostanzi speċifiċi hemm imsemmija, ma jistax jingħad li din warrbet rimedju li kien jeżisti qabel għat-talba ta` tħassir ta` digriet bħal dak għal raġunijiet li ma ġewx inkorporati f`dik il-proċedura sommarja;"*

73. Illi l-Qorti tirrileva illi wieħed qiegħed jitkellem fuq mandat kawtelatorju fejn il-kwistjoni u l-mertu bejn il-partijiet għadu ma ġiex iddeterminat. Illi b'hekk l-effett ta' mandat kawtelatorju a differenza ta' dak eżekuttiv mhuwiex wieħed indefinit. Illi l-azzjoni promossa ai termini tal-Artikolu 836 hija kkonsidrata waħda ta' natura urġenti. Infatti l-Artikolu 836(4) tal-Kap 12 jipprovdi illi:

    *"Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors b'urġenza jew in camera jew wara s-smigħ tal-avukati tal-partijiet, jekk jidhrilha xieraq, iżda ma tiġix iffissata iktar minn seduta waħda għal dan il-għan*".

    Illi b'hekk illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi stante li hawnhekk si tratta ta' att kawtelatorju, r-rikors għar-revoka tiegħu għandu jitqies bħala wieħed ta' natura urġenti u għandu jiġi deċiż b'mod spedit.

74. Magħdud ma' dan, għalhekk is-subartikolu ħamsa (5) ma jikkontemplax dritt ta' appell f'każ illi t-talba għar-revoka tiġi milqugħa. Stante illi l-proceduri huma ta' mandat kawtelatorju, huwa importanti illi l-vertenza tiġi deċiża kemm jista' jkun malajr u dan sabiex ikun hemm ċertezza legali. Għaldaqstant, il-fatt illi ma hemmx dritt ta' appell f'din iċ-ċirkostanza, li hija ċirkostanza speċjali, kif *daltronde* hija l-proċedura promossa ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12, ma jivvjolax id-dritt għal smigħ xieraq.

75. Referenza ser issir għall-kawża fl-ismijiet ***Raymond u Lilian konjuġi Farrugia vs Joseph u Tereża konjuġi Abdilla et***[9] fejn il-Qorti tosserva s-segwenti:

    *"Ir-rikorrenti jilmentaw li huma setgħux jappellaw minn dak id-digriet.* ***Jiġi rilevat l-ewwelnett li d-dritt ta' appell mhux parti mill-elementi ta' smigħ xieraq (ara f'dan is-sens Qorti Kostituzzjonali Perit Joseph Mallia vs Onor.***

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġursidizzjoni Kostituzzjonali) fl-1 ta' Diċembru 2006- Rik.Numru 17/2006

***Prim Ministru et 15/3/1996).*** [10]*Imbagħad il-fatt biss li fil-liġi (artikolu 166A Kap 12) ma hemmx speċifikatament provdut appell, ma jfissirx li m'hemmx appell jew li wiehed ma jistax jappella. Fil-Kodiċi ta' Proċedura Kap 12 imbagħad hemm każijiet fejn il-liġi speċifikatament tipprovvdi u tgħid li minn digriet partikolari ma jistax isir appell – per eżempju l-artikolu 836(5) u hemm każijiet fejn il-Liġi tipprovdi li jista' jsir appell - Art 283(A)(5) Kap 12".*

76. Referenza ser issir ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Philip sive Pinu Azzopardi vs Rosina Cassar et***[11] fejn il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza fuq l-Artikolu 836(5) tal-Kap 12 :

*"Fis-sentenza li tat fl-14 ta` Jannar 2004 fil-kawża "Mary Doris Venziani vs Emanuel Farrugia" il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk :-*

*"Issa fil-każ taħt kunsiderazzjoni l-intimati appellati pprevalew ruħhom mid-dispost tas-subinċiż (1) tal-Artikolu 836 u talbu b`suċċess ir-revoka tal-att kawtelatorju u ċioe` tal-mandat ta` inbizzjoni li nħareġ fil-konfront tagħhom. Fiċ-ċirkostanzi allura, ġaladarba t-talba ġiet milqugħa, din il-Qorti ma tarax kif jista` jirnexxi l-appell interpost in vista ta` dak kjarament espress fis-subinċiż (5) ta` l-istess Artikolu 836 appena ċitat."*

*Intqal ukoll li mhux biss ma hemmx appell minn digriet li jirrevoka mandat kawtelatorju, iżda wkoll illi ai termini tal-istess disposizzjoni ċitata, ladarba mandat kawtelatorju jiġi revokat, persuna ma tistax terġa` titlob illi jinħareġ mandat kawtelatorju ieħor, sakemm ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi miż-żmien meta kien revokat l-att kawtelatorju ta` qabel li jiġġustifikaw il-ħruġ ta` att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat.*

*Dan ġie spjegat fil-provvediment li tat din il-Qorti fit-2 ta` Diċembru 2014 (Rik. Nru. 125/2014) fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru 213/2014 fl-ismijiet :- "Blue Rapid Incorporation vs Elf Aquitaine" fejn ingħad :-*

*Għajr għal aġġustament fl-ammont li kien qed jiġi kawtelat, l-eżekutanti fil-proċediment tal-lum ma ġabet l-ebda raġuni ġdida sabiex issostni d-difiża tagħha kontra t-talba tal-esekutata. Il-Qorti trid tgħid illi għalkemm il-"prova nieqsa" li din il-Qorti rreferiet għaliha supra ma kenitx direttament rilevanti tenut kont tar-raġunament li għamlet il-Qorti fil-provvediment tagħha tas-6 ta` Diċembru 2013, għal din il-Qorti setgħet tfisser li fir-realta` seta` ġara xi ħaġa ġdida wara s-6 ta` Diċembru 2013 li mmotiva lill-esekutanti biex tippreżenta l-mandat. Evidentement dan ma kienx il-każ. Il-motivazzjoni tat-esekutanti għall-presentata tal-mandat taħt eżami ma kienet xejn ġdida. Il-problematika kienet trattata kollha fil-proċediment li kien deċiż bil-provvediment tas-6 ta` Diċembru 2013. Għalhekk skond l-Art 836(5) tal-Kap 12, il-provvediment għandu jitqies finali u rrevokabbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ ... L-esekutanti ma kellhiex fatti ġodda biex tippreżenta mandat kważi identiku (ħlief għall-aġġustament tal-ammont) għal dak li kien revokat u*

[10] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti
[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' April 2017- Rik. Numru: 1125/2016

*m`għamlet l-ebda prova ta` fatti ġodda oltre dawk li kienu diġa` rriżultaw fil-proċediment li kien deċiż fis-6 ta` Diċembru 2013.*

*Dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Art 836(5) tal-Kap 12, ingħataw diversi deċiżjonijiet.*

*In sostenn tal-istanza tiegħu, ir-rikorrent qagħad fuq id-deċiżjoni li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-19 ta` Novembru 2001 fir-Rikors Nru. 2259/2000 AJM fl-atti tal-mandat ta` sekwestru numru 3507/00 fl-ismijiet "Paul Tanti pro et noe vs Sammy Mifsud pro et noe".*

*Fid-deċiżjoni inter alia ngħad hekk :-*

*Din il-Qorti kellha qabel xejn tidentifika x`kienet in-natura tad-digriet appellat. Ir-rikors promotur sar fit-termini ta` l-artikolu 836 tal-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jagħti l-fakolta` lil kull min jinħareġ kontra tiegħu mandat kawtelatorju, jitlob lill-Qorti l-ħruġ ta` l-opportun kontro-mandat f`ċerti determinati ċirkostanzi. F`dan il-każ il-mandat kawtelatorju kien wieħed ta` sekwestru.*

*Is-subinċiż (5) ta` dak l-artikolu jipprovdi illi ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors magħmul ai termini tas-subartikolu (1) ta` dak l-artikolu u dak id-digriet ikun finali u rrevokabbli. Qari ta` dan l-artikolu ma jħalli l-ebda dubju fil-ħsieb tal-Qorti illi fejn id-digriet ikun wieħed ta` ċaħda tar-rikors għall-ħruġ ta` kontro-mandat, dan id-digriet seta` jkun soġġett għal appell u kontestazzjoni. Jidher pero` li l-artikolu 836 ma jispeċifikax il-mod kif u meta se jsir appell u kontestazzjoni minn tali digriet ta` ċaħda. Hu meħtieġ allura li jiġi stabbilit x`kienet il-kwalita` tad-digriet taħt eżami.*

*Il-ġurisprudenza hekk tgħallem fir-rigward. Fis-sentenza "Darryl Francis Grima proprio et nomine vs l-Onorevoli Prim Ministru et nomine" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta` Ġunju, 1988 f`kawża li l-mertu tagħha kien jirrigwarda mandat ta` inibizzjoni, eminentement att kawtelatorju, dik il-Qorti hekk ikkonsidrat :-*

*"Hija ġurisprudenza ta` dawn il-Qrati (vide Rikors ta` Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi deċiż mill-Qorti ta` l-Appell fl-10 ta` Awissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta` digrieti, ċioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Għall-ewwel u t-tieni kategorija ta` digrieti hemm appell, għat-tielet kategorija, appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m`huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta` appell dirett iżda biss permezz ta` ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni jista` jkun hemm anke appell."*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi digrieti dwar mandati kawtelatorji bħalma huma dak ta` inibizzjoni u mandat ta` sekwestru, ma setgħux jitqiesu definittivi "għax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas ir-rabta*

*lill-Ġudikant, lanqas ma jista` jiġi kunsidrat bħala interlokutorju. Lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju iżda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li tagħtu fuq talba b`ċitazzjoni ta` l-interessat meta fil-ġudizzju diskrezzjonali tagħha, l-Qorti tara raġuni tajba biex tiġġustifika r-revoka, salv lill-qorti fi grad ta` appell is-setgħa li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-każ ta` vjolazzjoni tal-liġi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raġuni oħra tajba skond il-liġi." (Vol.XXXVII.i.519, Vol. XXXVIII.i.336, Vol. XLVI.i.24).*

*Id-digriet taħt eżami li minnu sar appell ċertament ma setax jitqies li kien digriet kamerali intiż biex iħares ir-regoli proċedurali jew biex aħjar jirregola l-andament tal-proċeduri. Lanqas jista` jitqies li kien digriet interlokutorju għax dawn huma definiti bħala "i provvedimenti riguardanti l`istruzione della causa nella procedura, che soglionio chiamarsi "preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che chiamarsi "ordinatorie". (Vol. XXIII.i.623).*

*"Barra minn dawn id-digrieti (kamerali, interlokutorji u digrieti jew aħjar sentenzi definittivi), jeżistu (kif ingħad) digrieti oħrajn li la huma interlokutorji u lanqas definittivi u li l-leġislatur ma pprovda xejn dwar kif għandhom jiġu impunjati. Pero`, skond il-prattika inveterata tat-Tribunali tagħna, l-impunjazzjoni ta` dawn it-tipi ta` digrieti ssir permezz ta` ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti, quddiem l-istess Qorti li tkun emanat id-digriet. Meta eventwalment dik il-kawża tiġi deċiża, s-sentenza tkun tista` tiġi appellata b`appell ordinarju quddiem il-Qorti ta` l-Appell." ("Professur John Mamo noe vs Edward Borg proprio et nomine" deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-31 ta` Ottubru, 1991).*

*Din il-Qorti ma għandha allura l-ebda dubju illi sakemm ġew fis-seħħ l-emendi estensivi ta` Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XXIV tal-1995, il-posizzjoni fir-rigward ta` appelli mix-xorta ta` digrieti taħt eżami, setgħet kienet u fil-fatt kienet biss permezz ta` proċedura ordinarja ta` l-att taċ-ċitazzjoni mill-kontradittorju tal-kontro-parti u minn sentenza fuq dik it-talba seta` jsir appell quddiem din il-Qorti.*

*Din il-Qorti trid issa tara jekk is-sitwazzjoni inbidlitx wara li ġew fis-seħħ l-emendi estensivi li saru għall-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XXIV tal-1995. Id-disposizzjonijiet li jidhru rilevanti għall-każ huma l-artikolu 229 li jittratta dwar appelli minn digrieti u l-artikolu 836 li jitratta għall-kontro-mandat wara li jkun inħareġ att kawtelatorju.*

*Eżami akkurat ta` l-artikolu 229 għandu juri illi l-leġislatur b`din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazzjonalizza meta u kif seta` jsir appell minn digrieti mogħtija mill-Qorti maħsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proċeduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi għal digrieti kamerali u interlokutorji ta` kull xorta u jiddetermina jekk setgħax jew le jsir appell minnhom qabel l-għoti tas-sentenza definittiva u f`dawk il-każijiet fejn digriet interlokutorju seta` jiġi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi proċedura li kellha tiġi segwita. Id-disposizzjoni pero` tagħmilha ċara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw*

*biss għad-digrieti msemmija fis-subinċiżi (1) u (2) ta` l-istess artikolu u għal kull appell "minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikolu (1) u (2) ta` dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wieħed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jiġi definit li hu id-digriet taħt eżami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli għalih. Infatti l-inċiħi sussegwenti (4),(5) u (6) huma lkoll marbutin mad-disposizzjoni preċedenti. Kienu allura biss japplikaw għal dawk ix-xorta ta` digrieti imsemmija fl-inċiżi (1) u (2).*

*Stabbilit illi l-artikolu 229 ma kienx applikabbli għall-każ taħt eżami, il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi seta` kien applikabbli biss l-artikolu 836. Konklużjoni din imsaħħa in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li speċifikatament jirregola l-mod kif seta` jiġi kontestat digriet fir-rigward tal-ħruġ ta` kontro-mandat ta` att kawtelatorju. Dan l-artikolu, il-leġislatur kien introduċieh inter alia bħala kawtela dovuta kontra l-ħruġ ta` mandati kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f`ċirkostanzi meta seta` jiġi stabbilit illi d-debitur kellu biżżejjed x`jagħmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-diposizzjoni allura tipprovdi għal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura toħroġ il-kontro-mandat opportun. Il-leġislatur ried ukoll jaċċerta ruħu illi una volta l-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa` fis-seħħ, dik id-deċiżjoni li tawtorizza l-ħruġ tal-kontro-mandat kellha tibqa` fis-seħħ, ma setgħetx tiġi b`xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinċiż (5) hu dispost illi "ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli ...". Dan is-subinċiż ifisser illi lanqas kien permess għall-istess Qorti li toħroġ mandat mill-ġdid billi tirrevoka d-deċiżjoni tagħha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru ċirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinċiż (5) ta` l-inċiż 836.*

*Id-diċitura ta` dan is-subinċiż jissuġġerixxi kif ġia ingħad pero` a contrario sensu illi setgħu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jiċħad it-talba għall-ħruġ ta` kontro-mandat u li allura ikun ħalla l-att kawtelatorju fis-seħħ kontra d-debitur. Il-leġislatur pero` illi daħal f`dettal kbir biex jirregola l-proċedura fil-każ fejn il-Qorti tilqa` talba għar-revoka in toto jew in parte ta` mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta` kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-ħruġ ta` l-opportun kontro-mandat, naqas illi jipprovdi għall-mod kif seta` jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jiċħad rikors tad-debitur għall-ħruġ ta` kontromandat.*

*Una volta l-leġislatur għażel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta` reviżjoni ġenerali tal-liġi proċedurali magħmula bl-Att XXIV ta` l-1995, ma kienx leċitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-ġurisprudenza kostanti tagħha in materja li ddefiniet in-natura ta` digriet li jawtorizza l-ħruġ ta` mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw mutatis mutandis ukoll għal digriet tal-ħruġ ta` kontro-mandat ta` l-istess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raġuni għaliex l-insenjament ta` dawn il-Qrati f`dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li għadu fis-seħħ billi l-ebda disposizzjoni ta` liġi li ġiet introdotta ma pprovdiet għal din l-eventwalita`.*

*Konsegwentement il-posizzjoni tibqa` kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta` digrieti ma setgħux jiġu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setgħu biss jiġu appellati u kontestati permezz ta` att taċ-ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet bi dritt ta` appell lil din il-Qorti una volta tingħata s-sentenza in prima istanza. F`dan ir-rigward tassumi wkoll rilevanza l-kelma "kontestazzjoni" użata mil-leġislatur fis-subinċiż (5) ta` l-artikolu 836."*

*Għalhekk il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta` l-irritwalita` tal-proċedura sollevata mill-appellat, bil-konsegwenza illi astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ta` l-appell.*

*Il-Qorti ta` l-Appell kellha wkoll okkażjoni fejn elaborat dwar din il-materja fid-deċiżjoni illi tat fit-8 ta` Mejju 2003 (Appell Ċivili Nru. 1224/2002/1) fl-Atti tal-Mandat ta` Sekwestru nru. 2119/2002 fl-ismijiet "Josef Gatt vs Marisa Gatt".*

*Dan kien appell minn provvediment ta` din il-Qorti tal-14 ta` Novembru 2002 fejn kienet miċħud għar-revoka ta` sekwestru kawtelatorju.*

*Kienet eċċepita n-nullita` tar-rikors ta` appell ai termini ta` l-Art. 229(1) u l-Art 836(5) tal-Kap 12.*

*Sar l-argument illi d-digriet in kwistjoni huwa wieħed kamerali u r-rimedji għal ċaħda ta` tali talba huma tnejn : it-talba tista` tiġi riproposta permezz ta` rikors ġdid ; jew min-naħa l-oħra l-istess digriet li jiċħad it-talba jista` jiġi attakkat permezz tal-proċedura taċ-ċitazzjoni li kienet u għadha l-proċedura ordinarja li biha wieħed jaġixxi fil-kontenzjuż in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun tat id-digriet.*

*Il-Qorti qalet hekk :-*

*Jibda biex jingħad li l-appellat m`għandux raġun meta jikkontendi li d-digriet tal-Prim' Awla tal-14 ta` Novembru, 2002 kien wieħed kamerali, u dan għar-raġuni ġia mogħtija aktar `il fuq f`din is-sentenza. Mill-banda l-oħra, kif kien osservat minn din il-Qorti – diversament komposta – fis-sentenza Bonello v. Ellul [Appell Kummerċjali, 26 ta` Ġunju 1987] ċitata mill-appellat, tradizzjonalment jingħad li hemm tlett xorta ta` digrieti, ċioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li għall-ewwel u għat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta` appell quddiem il-Qorti ta` l-Appell (Bonello v. Ellul, supra, Vol. LXXI p. 390; Baldacchino v. Bellizzi, 10/8/53, Vol. XXXVII.i.519). Dan l-insenjament, iżda, irid illum jiġi eżaminat fid-dawl tad-diversi emendi introdotti fil-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-ħmistax-il sena minn meta ngħatat is-sentenza Bonello v. Ellul, u speċjalment l-emendi introdotti bl-Att XXIV ta` l-1995. Iż-żewġ disposizzjonijiet prinċipali li għandhom jiġu kkunsidrati huma l-Artikolu 229 u l-Artikolu 836(5).*

*Fil-fehma ta` din il-Qorti ma hemmx dubju li d-digriet appellat, ċioe` dak tal-14 ta` Novembru, 2002, ma hux digriet interlokutorju. Dan id-digriet ma hu b`ebda mod intiż biex b`xi mod jirregola l-andament tal-"kawża" li dik il-Qorti kellha quddiemha, f`dan il-każ iż-żewġ kawżi ta` separazzjoni personali bejn il-konjuġi Gatt. Għalhekk l-Artikolu 229 ma japplikax għad-digriet in kwistjoni. Din kienet ukoll il-konklużjoni milħuqa minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru, 2001 fil-kawża fl-ismijiet Paul Tanti pro. et noe. et v. Sammy Mifsud pro. et noe. et. Jekk dan id-digriet ma hux interlokutorju, jista` jingħad li huwa wieħed definittiv? Biex digriet jingħad li huwa definittiv irid ikun tali li b`xi mod jidderimi ossia jtemm il-kontroversja bejn il-partijiet. Issa, apparti dak li jingħad fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 836, ma jistax jingħad li digriet li jiċħad jew jilqa` talba għar-revoka ta` mandat kawtelatorju jtemm il-"kontroversja" bejn il-partijiet. Il-kontroversja hija dik miġjuba fil-kawża proprja, f`dan il-każ fiż-żewġ kawżi ta` separazzjoni personali bejn il-konjuġi Gatt, u l-mandat ta` sekwestru kawtelatorju huwa intiż biss biex jiġu preservati flus jew ħwejjeġ oħra mobbli li minnhom ikun jista` jiġi sodisfatt kreditu pretiż li jiġi definit u determinat f`dawk il-kawżi. Għalhekk id-digriet tal-14 ta` Novembru, 2002 ma jistax jingħad li huwa wieħed definittiv, u għandu jitqies bħala wieħed minn dawk fit-tielet kategorija aktar `il fuq imsemmija. Issa, fil-kawża Paul Tanti pro. et noe. et v. Sammy Mifsud pro. et noe. et din il-Qorti kienet esprimiet ruħha hekk dwar is-subartikolu (5) tal-Artikolu 836 :*

*Is-subinċiż (5) [ta` l-Artikolu 836] jipprovdi illi ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors magħmul ai termini tas-subartikolu (1) ta` dak l-Artikolu u li dak id-digriet ikun finali u rrevokabbli. Qari ta` dan l-artikolu ma jħalli l-ebda dubju fil-ħsieb tal-Qorti illi fejn id-digriet ikun wieħed ta` ċaħda tar-rikors għall-ħruġ ta` kontro-mandat, dan id-digriet seta` jkun soġġett għal appell u kontestazzjoni. Jidher, pero`, li l-Artikolu 836 ma jispeċifikax il-mod kif u meta se jsir appell u kontestazzjoni minn tali digriet ta` ċaħda ... Stabbilit illi l-Artikolu 229 ma kienx applikabbli għall-każ taħt eżami, il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi seta` kien applikabbli biss l-Artikolu 836. Konklużjoni din imsaħħa in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li speċifikatament jirregola l-mod kif seta` jiġi kontestat digriet fir-rigward tal-ħruġ ta` kontromandat ta` att kawtelatorju. Dan l-artikolu l-leġislatur kien introduċieh inter alia bħala kawtela dovuta kontra l-ħruġ ta` mandati kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f`ċirkostanzi meta seta` jiġi stabbilit illi d-debitur kellu biżżejjed x`jagħmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-disposizzjoni allura tipprovdi għal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura toħroġ il-kontro-mandat opportun. Il-leġislatur ried ukoll jaċċerta ruħu illi una volta l-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa` fis-seħħ, dik id-deċiżjoni li tawtorizza l-ħruġ tal-kontro-mandat kellha tibqa` fis-seħħ [u] ma setgħetx tiġi b`xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinċiż (5) hu dispost illi "ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa` rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali w irrevokabbli ...". Dan is-subinċiż ifisser illi lanqas għall-istess Qorti li toħroġ mandat mill-ġdid billi tirrevoka d-deċiżjoni tagħha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru ċirkostanzi espressament elenkati bl-*

*istess subinċiż (5) ta` [l-Artikolu] 836. Id-diċitura ta` dan is-subinċiż jissuġġerixxi kif ġia ingħad pero` a contrario sensu illi setgħu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jiċħad it-talba għall-ħruġ ta` kontromandat u li allura jkun ħalla l-att kawtelatorju fis-seħħ kontra d-debitur. Il-leġislatur, pero`, illi daħal f`dettal kbir biex jirregola l-proċedura fil-każ fejn il-Qorti tilqa` talba għar-revoka in toto jew in parte ta` mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta` kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-ħruġ ta` l-opportun kontromandat, naqas li jipprovdi għall-mod kif seta` jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jiċħad rikors tad-debitur għall-ħruġ ta` kontro-mandat. Una volta l-leġislatur għażel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta` reviżjoni ġenerali tal-liġi proċedurali magħmula bl-Att XXIV ta` l-1995, ma kienx leċitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-ġurisprudenza kostanti tagħha in materja li ddefiniet in-natura ta` digriet li jawtorizza l-ħruġ ta` mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw mutatis mutandis ukoll għal digriet tal-ħruġ ta` kontro-mandat ta` l-istess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raġuni għaliex l-insenjament ta` dawn il-Qrati f`dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li għadu fis-seħħ billi l-ebda disposizzjoni ta` liġi li ġiet introdotta ma pprovdiet għal din l-eventwalita`. Konsegwentement il-posizzjoni tibqa` kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta` digrieti ma setgħux jiġu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setgħu biss jiġu appellati u kontestati permezz ta` att ta` ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet, bi dritt ta` appell lil din il-Qorti una volta tingħata sentenza in prima istanza.*

*Din il-Qorti, kif issa komposta, taqbel perfettament ma` dan kollu. Fi kliem ieħor, l-appellanti Gatt, biex tikkontesta d-digriet tal-14 ta` Novembru, 2002, ma setgħetx tirrikorri direttament quddiem din il-Qorti, iżda kellha tipproċedi per via ta` ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla, u, se mai, tappella mill-eventwali deċiżjoni tal-Prim' Awla quddiem din il-Qorti.*

*Il-Qorti għalhekk laqgħet il-preġudizzjali sollevata mill-appellat, u ddikjarat l-appell irritu u null filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.*

*Hemm ukoll is-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-15 ta` Frar 2005 (Appell Ċivili Numru. 657/2004/1) fl-Atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1554/04 fl-ismijiet: "Alexander Grech et v. Mamma Mia Company Limited et".*

*Dan kien appell minn digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta` Ottubru 2004, fejn kienet miċħuda talba għar-revoka ta' mandat ta` inibizzjoni.*

*Il-parti appellata eċċepiet in-nullita' u l-irritwalita' tal-appell billi sostniet illi d-digriet tal-5 ta` Ottubru 2004 ma kienx appellabbli.*

*Il-Qorti qalet hekk :-*

*Kif din il-Qorti (diversament komposta) kellha okkażjoni li tispjega fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru, 2001, fl-ismijiet Paul Tanti pro et noe et v. Sammy u Joseph aħwa Mifsud pro et noe, "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jiċħad rikors għar-revoka ta` mandat kawtelatorji jistgħu jsiru – is-subartikolu (5) ta` l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 jagħmel divjet ta` "appell u*

*kontestazzjoni" biss fil-konfront ta` digriet li jilqa` talba għar-revoka ta` mandat kawtelatorju – iżda tali "appell u kontestazzjoni" ma jsirux permezz ta` rikors ta` appell direttament lil din il-Qorti, bħalma sar fil-każ odjern, iżda "permezz ta` att ta` ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet, bi dritt ta` appell lil din il-Qorti una volta tingħata s-sentenza in prima istanza." Din il-Qorti ma tara ebda raġuni valida għala għandha tiddipartixxi minn dana l-insenjament.*

*Il-Qorti għalhekk iddikjarat l-appell irritu u null".*

<u>Il-kjamat in kawża tar-rikorrent fil-proċeduri tal-Mandat in Proċintu</u>

77. Ilment ieħor tal-attur huwa dak imsejjes fuq il-fatt illi waqt il-proċeduri tal-mandat in proċintu 78/2022/2, il-Qorti kjamat lir-rikorrenti fil-kawża. L-attur qiegħed jilmenta illi dan il-mandat in proċintu, li huwa mandat eżekuttiv, inħareġ wara sentenza tal-Qorti li hija res judicata fejn hu ma kienx wieħed mill-partijiet fiha.

78. Il-Qorti ser tagħmel referenza għall-Artikolu 961 tal-Kap 12, liema artikolu jitkellem dwar il-kjamat in kawża:

> *"Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill-partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba".*

79. Illi mill-qari tal-istess artikolu jidher ċar illi sabiex persuna tiġi kjamata fil-kawża mhux bilfors illi jkun hemm talba *ad hoc* għalija. Dan ifisser illi l-Qorti tista' *ex officio* b'digriet, isejjaħ fil-kawża terzi u dan għaliex, dak miġjub quddiemha jkun jikkonċernahom intimament.

80. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Farrugia et vs L-Avukat Ġenerali et***[12], il-Qorti tispjega kif ġej:

> *"In oltre l-istitut tal-kjamat in causa hu intiż għall-integrita' tal-ġudizzju u sabiex jiġu protetti d-drittijiet ta' smigħ xieraq u audi alteram partem għal min għandu interess ġuridiku fil-vertenza, tant li l-Qorti stess tista' tordna l-kjamat in causa ex officio".*

81. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava***[13], il-Qorti tal-Appell esprimiet s-segwenti:

> *"Illi l-istitut tal-kjamata in kawża huwa essenzjalment wieħed diskrezzjonali għalkemm wieħed jistenna illi għandu jkun ibbażat ukoll fuq il-loġika. Effettivament, dan l-istitut ġie maħluq kemm għal skopijiet ta' ekonomija ta' ġudizzju, kif ukoll għal skopijiet ta' integrita' ta' ġudizzju".*

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-21 ta' Ottubru 2015- Rik. Numru 5/2014.
[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Mejju 1995

82. Fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Dingli Bennetti vs Lorraine Saliba et***[14], il-Qorti tisħaqq illi:

*"B'danakollu, l-istitut tal-kjamat fil-kawża jaqdi għadd ta' funzjonijiet proċedurali, u mhux l-integrazzjoni tal-ġudizzju biss, fosthom li jħares id-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat f'azzjoni ġudizzjarja li possibilment iġġib warajha azzjoni oħra bħala konsegwenza tagħha".*

83. Kawża oħra fejn il-Qorti tagħmel analiżi dwar l-istitut tal-kjamat in kawża hija dik fl-ismijiet ***Noel Gafa' vs Id-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali Ċivili et***[15] fejn il-Qorti tikkowota ġurisprudenza u ssostni s-segwenti:

*"Illi s-sejħa fil-kawża, jew kif kien magħruf fl-imgħoddi, l-intervent koatt (biex jintgħaraf mill-intervent volontarju li għalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), għandha l-għan li tevita li jkun hemm għadd ta` kawżi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistgħu jitqiegħdu f`ġudizzju wieħed li jikkonsidra l-qagħda rispettiva tagħhom. Huwa essenzjali, għalhekk, li persuna msejħa fil-kawża jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta` l-istitut tas-sejħa fil-kawża joħroġ mill-kunċett fondamentali ta` interess tal-parti li toqgħod f`ġudizzju;*

*Illi l-interess li jsejjes is-sejħa fil-kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju, mhux neċessarjament fis-sens li l-imsejjaħ fil-kawża jkun kundannat jew meħlus, imma fis-sens li jsostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-imħarrek, jew saħansitra tiegħu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet. Imma, fi kwalunkwe każ, l-interess tal-imsejjaħ fil-kawża għandu jkun ta` livell bħal dak imfisser minn ħafna sentenzi tagħna bħala l-interess ġuridiku li għandu jkollha parti fil-kawża (Ref Dr. Marco Sammut et vs Di Natura Limited deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta` Jannar 2013).*

.....

*Illi kif intqal aktar 'il fuq meta waqt is-smigħ ta' kawża jirriżulta li hemm persuna oħra li għandha interess ġuridiku f'dawk il-proċeduri pendenti u jkun fl-interess tal-ġustizzja li dik il-persuna l-oħra toqgħod għal dak il-ġudizzju u ħadd mill-partijiet ma jitlob biex dan jiġi ordnat, il-Qorti tista' tordna l-kjamat in kawża ex officio mingħajr il-ħtieġa li tinnotifika jew tisma lil dik il-parti l-oħra. U huwa dak ir-rimedju li tipprovdi l-Liġi. L-intervent in statu et terminis huwa volontarju u jiddependi kompletament fuq il-volonta tat-terz mingħajr "suġġerimenti" da parti tal-Qorti. Għalhekk jew il-Qorti tkun konvinta li terz għandu interess ġuridiku u tordna l-kjamata in kawża tiegħu altrimenti tieqaf hemm".*

84. Il-Qorti tosserva illi waqt is-smigħ tal-mandat in proċintu bin-numru 78/2022/2 il-Qorti kienet permezz ta' digriet datat 14 ta' Lulju 2022 issospendiet l-prolazzjoni ta' digriet finali u ordnat il-kjamat fil-kawża ta' Ramon Gusman, Gusvend Services Limited, ir-rikorrenti u Antoine Tanti u ordnat illi l-kjamati jiġu notifikati bir-rikors oriġinali datat 12 ta' April 2022 u b'dak id-digriet bi żmien għaxart ijiem għar-risposta (fol 29).

[14] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Marzu 2024- Rik. Numru 109/2021
[15] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-14 ta' Marzu 2024- Rik. Numru 509/2023

85. Illi dan il-Qorti għamlitu mhux biss għall-ekonomija tal-ġudizzju u għall-integrita' tal-ġudizzju iżda għaliex kien fl-interess tal-ġustizzja illi r-rikorrenti jiġi kjamat fil-kawża u jipparteċipa fiha.

86. Illi l-intimata Tanti kienet intavolat il-mandat in proċintu sabiex tenforza dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fejn il-kirja, l-ġestjoni tal-ħanut *"The Champ"* ġewwa San Ġiljan flimkien mal-avvjament, permessi u l-armar u makkinarju ġie assenjat lilha. Ġialadarba dik il-kirja u dak il-ħanut kien qiegħed jiġi ġestit mir-rikorrenti George Fenech, il-Qorti ġustament kjamat lir-rikorrenti fil-kawża sabiex tisma' x'għandu xi jgħid u sabiex hu jkun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Dan għaliex kien proprju fl-interess tar-rikorrenti illi jsir hekk, għaliex il-vertenza kienet ser taffettwa lilu u l-ħanut li kien qiegħed jiġġestixxi. Huwa għalhekk illi l-attur kellu jingħata l-opportunita' li jagħmel ir-risposta tiegħu, jidher quddiem il-Qorti u jagħmel id-difiża tiegħu - Fatt li mill-qari tad-digriet datat 26 ta' Jannar 2023 jidher ċar illi sar da parti tar-rikorrenti (fol 39).

87. Kif inhu ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana, l-istitut tal-kjamat in kawża huwa intiż sabiex jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq u l-prinċipju tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem.* Meta l-Qorti kjamat fil-kawża lir-rikorrenti waqt is-smigħ tal-mandat in proċintu hija kienet qiegħda tiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrenti u mhux tivvjola dan id-dritt. Dan għaliex il-Qorti kienet qiegħda tagħmel dan b'rispett u fl-ottika tal-prinċipju tal-*audi alteram partem.*

88. Din il-Qorti tistqarr illi hija kemmxejn perplessa kif ir-rikorrenti qed jilmenta ksur meta huwa ngħata d-dritt illi jiddefendi lilu nnifsu fi proċeduri illi kienu qed jeffettwaw lilu direttament. Kieku l-Qorti ddeċidiet il-kawża li kellha quddiemha mingħajr ma semgħet dak li kellu xi jgħid ir-rikorrenti, kieku hemmhekk kien ikun hemm il-leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. La darba d-deċiżjoni kienet ser taffettwa lil terz, fil-każ in deżamina, lill-attur, il-Qorti kienet korretta illi tikkjamah fil-kawża għaliex kien proprju fl-interess tiegħu u fl-interess tal-ġustizzja illi jsir dan.

<u>Artikolu 276 tal-Kap 12</u>

89. Ilment ieħor tal-attur huwa msejjes fuq l-Artikolu 276 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi kif ġej:

> *"Ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni".*

90. Il-Qorti tinnota illi l-attur ma jagħtix spjegazzjoni fuq xiex jibbaża l-ilment tiegħu imma sempliċement jgħid li l-Artikolu 276 tal-Kap 12 qed iwassal lir-rikorrenti li jiġi żgumbrat minn ħwejjġu li hu jgawdi b'titolu leġittimu ta' kera u li dan imur kontra l-prinċipju ġenerali tad-dritt u jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u tgawdija paċifika tal-possedimenti.

91. Illi għaldaqstant u għal darb'oħra jispetta lill-Qorti illi tasal għall-konklużjoni waħedha.

92. Illi fil-kawża ta' rikors revoka bin-numru 368/2023AF fl-ismijiet *George Fenech vs Sylvana Tanti et* il-Qorti kienet iddeċidiet kif ġej:

*"Fit-8 ta' Marzu 2023 ġie mitlub u miksub mandat ta' inibizzjoni sabiex Sylvana Tanti tinżamm milli tkompli bl-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu. Huwa dan il-mandat ta' inibizzjoni li qed jiġi kontestat illum.*

*Il-Qorti tibda billi tirreferi għad-digriet tagħha stess mogħti wkoll fuq talba tal-istess George Fenech, fit-28 ta' Frar 2023.*

*Ikkunsidrat illi mandat in proċintu huwa wieħed mill-mandati eżekuttivi u għalhekk bħala tali japplika għalih l-Art. 276 tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:*

*"Ħadd ma jista' jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, b'applikazzjoni tal-fuq ċitat artikolu tal-liġi, il-proċedura kontemplata fl-Art. 873 ma kellhiex tintuża sabiex tinżamm eżekuzzjoni tal-mandat. Il-liġi hija ċara u inekwivoka. Fil-każ in eżami, l-mandat għadu ma ġiex eżegwit.*

*Il-Qorti tifhem li fl-aħħar mill-aħħar il-mandat de quo ser jolqot ħażin lil George Fenech li ma kienx id-debitur oriġinali. Madanakollu, dan jidher li ġie kunsidrat mill-Qorti li ħarġet il-mandat in proċintu, tant li sejħitlu fil-proċeduri. Finalment, huwa għandu kull jedd idur fuq min għaddielu l-kirja li wasslet għal tant inkwiet".*

93. Il-Qorti ser tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Errol Cassar et vs Noel Mifsud***[16] fejn il-Qorti esprimiet illi:

*"Oltre dan appena osservat, jiġi osservat ukoll illi t-talba tar-Rikorrenti ma hijiex għar-revoka ta' l-esekuzzjoni tal-Mandat iżda hija talba sabiex il-Qorti twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid bin-numru 1943/14 fl-ismijiet surreferiti mill-fond bl-isem La Vela Ristorante u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Peress illi l-proċeduri odjerni ġew istitwiti fit-2 ta' Ottubru 2014, ossia jumejn wara li l-Mandat in kwistjoni ġie eżegwit ġol-fond La Vela Ristorante, ma hemmx dubju li dawn il-proċeduri jirreferu għall-eżekuzzjoni ġià kompjuta tal-Mandat u għalhekk, jiġi ribadit, it-talba tar-Rikorrenti se mai kellha tkun għar-revoka ta' l-eżekuzzjoni tal-Mandat in kwistjoni in kwantu ġew elevati oġġetti ta' terzi, ossia tagħha, u mhux tad-debitur. Għal kull buon fini jiġi osservat li r-Rikorrenti diffiċilment tista' targumenta li t-talba tagħha għat-twaqqif ta' l-eżekuzzjoni tal-Mandat in kwistjoni hija fi kwalunkwe każ legalment proponibbli in kwantu huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali u kristalizzat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fl-Artikolu 276, applikabbli għall-Mandati ta' Qbid Kawtelatorji bis-saħħa ta' l-Artikolu 843(3) ta' l-istess Kodiċi, li ħadd ma jista' jagħmel opposizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni.*

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-23 ta' April 2015- Avviż numru: 331/2014

*Huwa ċar għalhekk li kull opposizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-Mandat tista' issir biss wara l-eżekuzzjoni ta' dak il-Mandat u tali opposizzjoni meta magħmula minn allegat terz proprjetarju ta' l-oġġetti maqbuda bis-saħħa ta' Mandat ta' Qbid, liema talba għandha tkun għar-revoka ta' l-eżekuzzjoni tal-Mandat, għandha ssir fil-konfront kemm tal-kreditur kif ukoll tad-debitur, ħaġa li, jiġi ribadit, fil-każ in eżami ma saritx.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-proċedura adoperata mir-Rikorrenti hija għal kollox irritwali u bħala tali t-talba tagħha ma tistħoqqx li tiġi kkunsidrata".*

94. Illi l-Qorti qiegħda tagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur fejn hu jsostni illi minħabba dan l-artikolu l-attur ma ngħatax il-possibilita' li jikkontesta taħt l-Artikolu 281 tal-Kap 12 il-mandat in proċintu u li l-Imħallef kienet irrevokat il-mandat ta' inibizzjoni li ntavola l-esponenti biex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu a bażi tal-istess Artikolu 276.

95. Il-Qorti tqis illi mhuwiex minnu li ma kellux il-possibilita' li jikkontesta l-mandat in proċintu u dan għaliex da parte tiegħu saru diversi azzjonijiet għall-revoka tal-mandat in proċintu - senjatament il-kawżi numru 17/2023AF, 35/2023AGV u 173/2023MCH. In oltre, l-Qorti tqis illi bl-ebda mod dan l-Artikolu tal-liġi m'hu qiegħed jilledi d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq u għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu.

96. Il-mandat in proċintu huwa wieħed mill-mandati eżekuttivi, li a differenza tal-mandati kawtelatorji, jinħareġ sabiex ikun hemm infurzar tas-sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat, allura għandek stat ta' ċertezza legali. Illi b'hekk bħal kull mandat eżekuttiv ieħor, ma jistax jiġi attakkat qabel tkun saret l-eżekuzzjoni.

97. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti fost l-azzjonijiet intavolati minnu ppreżenta żewġ kawżi - waħda bin-numru 196/2023 u oħra bin-numru 175/2023 fejn eżattament bħal kawża odjerna kien hemm talba għat-tħassir, annullament u revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu 78/2022/2 fil-konfront ta' George Fenech. Il-kawża numru 196/2023 ġiet ċeduta filwaqt illi dik bin-numru 175/2023 ġiet appellata u l-appell għadu pendenti.

98. Referenza qiegħda ssir għall-kawża fl-ismijiet ***Lee David u Nicholas aħwa Camilleri vs L-Avukat tal-Istat et***[17]

*"Il-Qorti ser tibda billi tgħid li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, li l-funzjoni ta' din il-Qorti mhijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:*

*"Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'għandhiex isservi bħala Qorti tat-tielet istanza, u m'għandhiex tirrevedi l-proċeduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analiżi tal-fatti li dawn ikunu għamlu, biex sempliċiment timponi l-opinjonijiet tagħha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim' Awla fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-deċiżjoni tal-*

[17] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023- Rik Numru:25/2020

*Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-każ, itteħditx b'mod li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."*

*L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2011, sostniet:*

*"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt għas-smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunzjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (Application 6172/73, X v. U.K.)."*

*Finalment kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et, tad-29 ta' Settembru 2016:*

*"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent m'huwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom.*

....

*Huwa ċar li r-rikorrenti qegħdin, permezz ta' din il-kawża, sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti sabiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri li jilmentaw dwarhom għaliex ma qablux mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti. Iżda l-proċedura korretta ċertament m'hijiex li jiftħu kawża kostituzzjonali bħal donnu kull min ma jaqbilx ma' deċiżjoni tal-Qorti b'daqshekk ikun ġie leż xi dritt fundamentali tiegħu.*

*Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 m'humiex intiżi biex jerġa' jiġi eżaminat il-mertu ta' proċeduri oħra, iżda se mai huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri.*

*Huwa paċifiku li rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji u meta hemm soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel mal-Istat, jiġi akkużat bi ksur ta' drittijiet fundamentali. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin meta liċ-ċittadin ikunu provduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu (Alexander Barbara vs L-Avukat Ġenerali, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Novembru 2018)."*

99. Din il-Qorti taqbel eżattament mal-prinċipji pronunzjati fis-sentenza suċċitata u qiegħda tagħmilhom tagħha. Il-Qrati u l-proċeduri kostituzzjonali ma għandhomx jiġu użati la bħala tielet istanza u lanqas bħala tentattiv ta' *forum shopping*. L-azzjonijiet kostituzzjonali huma ta' natura straordinarja fejn il-Qrati jridu jistħarrġu jekk kienx hemm leżjoni ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti u protetti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

100. Il-Qorti tiddeplora l-aġir tar-rikorrenti illi prova "jieħu ċans" u jintavola din il-kawża ta' natura kostituzzjonali wara li kien diġa' ntavola kawżi oħra fejn saret talba identika għat-tħassir, annullament u revoka tal-eżekuzzjoni tal-mandat in proċintu 78/2022/2. Filwaqt illi l-kawża numru 196/2023 kienet ġiet ċeduta mir-rikorrenti stess, il-kawża numru 175/2023AGV għadha qiegħda tistenna l-eżitu tal-Qorti tal-Appell.

101. Dan huwa abbuż sfaċċat kif ukoll aġir perikoluż li jista' jwassal għall-konfużjoni u inċertezza legali li fl-aħħar mill-aħħar ma jservi ta' ġid għal ħadd.

102. Għaldaqstant u in vista ta' dak kollu delineat hawn fuq, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Sylvana Tanti filwaqt illi:

**Tilqa'** l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimata Tanti.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat Avukat tal-Istat, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**